



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A7-0052/2013**

27.2.2013

**\***

## **RAPPORT**

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji barranin mal-Unjoni Ewropea ("Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija")  
(COM(2012)0362 – C7-0285/2012 – 2012/0195(CNS))

Kumitat għall-Iżvilupp

Rapporteur: Patrice Tirolien

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhum minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa ***grassa***. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
NOTA SPJEGATTIVA .....	55
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI.....	59
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SAJD .....	84
PROĊEDURA .....	89



## **ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji barranin mal-Unjoni Ewropea ("Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija")  
(COM(2012)0362 – C7-0285/2012 – 2012/0195(CNS))**

**(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2012)0362),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 230 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0285/2012),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u tal-Kumitat għas-Sajd (A7-0052/2013),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
  2. Jistieden lill-Kummissjoni biex timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ;
  3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
  4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
  5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

### **Emenda 1**

**Proposta għal deċiżjoni  
Premessa 5a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(5a) Fid-dawl tal-importanza li jassumu l-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej tal-Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea bħala entità ta' kollegament effikaċi għall-PTEE bħala grupp fid-djalogu tagħhom***

*mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri tal-Unjoni, tali assoċjazzjoni għandha tkun rikonoxxuta bħala attur tal-kooperazzjoni li l-fini tiegħu huwa dak li jsostni l-interessi komuni tal-PTEE li jagħmlu parti minnha.*

## Emenda 2

### Proposta għal deċiżjoni

#### Premessa 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

(6) Il-kontribut tas-soċjetà ċivili għall-iżvilupp tal-PTEE jista' jittejjeb permezz tat-tiżni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-isferi kollha tal-kooperazzjoni.

*Emenda*

(6) Il-kontribut tas-soċjetà ċivili għall-iżvilupp tal-PTEE jista' jittejjeb permezz tat-tiżni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ***u billi jingħataw aktar responsabilità*** fl-isferi kollha tal-kooperazzjoni.

## Emenda 3

### Proposta għal deċiżjoni

#### Premessa 10

*Test propost mill-Kummissjoni*

(10) Il-PTEE jospitaw bijodiversità terrestri u marina wiesgħa. It-tibdil fil-klima jista' jaffettwa l-ambjent naturali tal-PTEE u jikkostitwixxi theddida li tipperikola l-iżvilupp sostenibbli. L-azzjonijiet fil-qasam tal-konservazzjoni tal-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistemi, it-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-promozzjoni ta' enerġija sostenibbli ser jikkontribwixxu għall-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima tal-PTEE.

*Emenda*

(10) Il-PTEE jospitaw bijodiversità terrestri u marina wiesgħa. It-tibdil fil-klima jista' jaffettwa l-ambjent naturali tal-PTEE u jikkostitwixxi theddida li tipperikola l-iżvilupp sostenibbli. L-azzjonijiet fil-qasam tal-konservazzjoni tal-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistemi, it-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-promozzjoni ta' enerġija sostenibbli ser jikkontribwixxu għall-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima tal-PTEE. ***Il-PTEE għandhom ukoll ikunu jistgħu jipparteċipaw fil-programmi orizzontali tal-Unjoni, bħal pereżempju l-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika***

*(LIFE).*

#### **Emenda 4**

##### **Proposta għal deċiżjoni Premessa 12**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(12) Huwa importanti li l-PTEE jiġu appoġġjati fl-isforzi tagħhom li jsiru anqas dipendenti fuq il-fjuwils fossili, bil-għan li jnaqqsu l-vulnerabbiltà tagħhom għall-aċċess għal fjuwils u l-volatilità tal-prezzijiet, biex b'hekk l-ekonomija tagħhom issir aktar b'saħħitha u anqas vulnerabbli għal xokkijiet esterni.

*Emenda*

(12) Huwa importanti li l-PTEE jiġu appoġġjati fl-isforzi tagħhom li jsiru anqas dipendenti fuq il-fjuwils fossili, bil-għan li jnaqqsu l-vulnerabbiltà tagħhom għall-aċċess għal fjuwils u l-volatilità tal-prezzijiet, biex b'hekk l-ekonomija tagħhom issir aktar b'saħħitha u anqas vulnerabbli għal xokkijiet esterni, ***partikolarment f'termini ta' impjiegi.***

#### **Emenda 5**

##### **Proposta għal deċiżjoni Premessa 14**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(14) L-effett tal-fatt li l-PTEE jinsabu daqshekk imbiegħda jikkostitwixxi ***tfixkil għall-kompetittività*** tagħhom u għaldaqstant huwa importanti li tittejjeb l-aċċessibbiltà tal-PTEE.

*Emenda*

(14) L-effett tal-fatt li l-PTEE jinsabu daqshekk imbiegħda jikkostitwixxi ***sfida għall-iżvilupp ekonomiku*** tagħhom u għaldaqstant huwa importanti li tittejjeb l-aċċessibbiltà tal-PTEE.

#### **Emenda 6**

##### **Proposta għal deċiżjoni Premessa 15**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(15) L-Unjoni u l-PTEE jirrikonoxxu l-importanza tal-edukazzjoni li ***twassal*** għall-iżvilupp sostenibbli tal-PTEE.

*Emenda*

(15) L-Unjoni u l-PTEE jirrikonoxxu l-importanza tal-edukazzjoni ***u tat-taħriġ professjonali*** li ***jwasslu*** għall-iżvilupp sostenibbli tal-PTEE.

## Emenda 7

### Proposta għal deċiżjoni Premessa 16a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(16a) Għan kruċjali tal-kooperazzjoni għandu jkun it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, u d-drittijiet tax-xogħol u dawk tat-trade unions. It-trade unions u r-rappreżentanti oħrajn tal-ħaddiema għandhom jiżvolġu rwol importanti fil-proċess.**

## Emenda 8

### Proposta għal deċiżjoni Premessa 17

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(17) L-inċidenza ta' mard li jittieħed fil-PTEE, bħad-deni dengue fil-Karibew u l-Paċifiku u Chikungunya fir-reġjun tal-Oċean Indjan, jista' jkollhom impatti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa u fuq l-ekonomija. *Lili* hinn mit-tnaqqis tal-produttività tal-popolazzjonijiet milquta, l-epidemiji fil-PTEE x'aktarx li jolqtu t-turiżmu b'mod negattiv ferm, meta dan huwa wieħed mill-pilastri tal-ekonomija tal-PTEE. Il-PTEE huma miftuħa għar-riskju tal-importazzjoni ta' mard li jittieħed minħabba *fl-għadd* kbir ta' turisti u ħaddiema migranti li jżuruhom. Min-naħa l-oħra, il-fluss kbir ta' persuni li jtilqu minn PTEE jista' *tkun* vettur ta' introduzzjoni ta' mard li jittieħed fl-Ewropa. Għaldaqstant, l-iżgurar ta' "turiżmu sikur" huwa fattur kruċjali għas-sostenibbiltà tal-ekonomiji tal-PTEE li jiddependu ħafna fuq it-turiżmu.

(17) L-inċidenza ta' mard li jittieħed fil-PTEE, bħad-deni dengue fil-Karibew u l-Paċifiku u Chikungunya fir-reġjun tal-Oċean Indjan, jista' jkollhom impatti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa u fuq l-ekonomija. *Lil* hinn mit-tnaqqis tal-produttività tal-popolazzjonijiet milquta, l-epidemiji fil-PTEE x'aktarx li jolqtu t-turiżmu b'mod negattiv ferm, meta dan huwa wieħed mill-pilastri tal-ekonomija tal-PTEE. Il-PTEE huma miftuħa għar-riskju tal-importazzjoni ta' mard li jittieħed minħabba *l-għadd* kbir ta' turisti u ħaddiema migranti li jżuruhom. ***Access faċli u regolari għall-mediċina okkupazzjonali jista' jnaqqas il-kobor tal-epidemiji.*** Min-naħa l-oħra, il-fluss kbir ta' persuni li jtilqu minn PTEE jista' *jkun* vettur ta' introduzzjoni ta' mard li jittieħed fl-Ewropa. Għaldaqstant, l-iżgurar ta' "turiżmu sikur" huwa fattur kruċjali għas-sostenibbiltà tal-ekonomiji tal-PTEE li jiddependu ħafna fuq it-turiżmu.



## Emenda 9

### Proposta għal deċiżjoni Premessa 18

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(18) L-assoċjazzjoni bejn l-Unjoni u l-PTEE għandha tqis u tikkontribwixxi għall-preżervazzjoni tad-diversità kulturali u tal-identità tal-PTEE.

#### *Emenda*

(18) L-assoċjazzjoni bejn l-Unjoni u l-PTEE għandha tqis u tikkontribwixxi għall-preżervazzjoni tad-diversità kulturali u tal-identità tal-PTEE. ***Għandha wkoll tagħti l-attenzjoni meħtieġa u tikkontribwixxi għall-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-popolazzjonijiet indiġeni tal-PTEE.***

## Emenda 10

### Proposta għal deċiżjoni Premessa 19

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(19) L-Unjoni tagħraf l-importanza li tiżviluppa sħubija aktar attiva mal-PTEE fir-rigward tal-governanza tajba u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, it-traffikar tal-bnedmin, it-terroriżmu u l-korruzzjoni.

#### *Emenda*

(19) L-Unjoni tagħraf l-importanza li tiżviluppa sħubija aktar attiva mal-PTEE fir-rigward tal-governanza ***ekonomika, soċjali u fiskali*** tajba u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, it-traffikar tal-bnedmin, it-terroriżmu u l-korruzzjoni.

## Emenda 11

### Proposta għal deċiżjoni Premessa 20

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(20) Il-kummerċ u l-kooperazzjoni relatata mal-kummerċ bejn l-Unjoni u l-PTEE *għandha tikkontribwixxi* għall-għan ta' żvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet tal-iżvilupp ekonomiku, l-iżvilupp soċjali u l-ħarsien ambjentali.

#### *Emenda*

(20) Il-kummerċ u l-kooperazzjoni relatata mal-kummerċ bejn l-Unjoni u l-PTEE *għandhom jikkontribwixxu* ***sistematikament*** għall-għan ta' żvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet tal-iżvilupp ekonomiku, l-iżvilupp soċjali u l-ħarsien ambjentali.

## Emenda 12

### Proposta għal deċiżjoni Premessa 21

*Test propost mill-Kummissjoni*

(21) Tibdil globali, rifless fil-proċess kontinwu ta' liberalizzazzjoni ta' kummerċ, *jimplika* lill-Unjoni, bħala s-sieħba prinċipali *tal-kummerċ, b'mod wiesgħa, kif ukoll lill-ġirien tal-AKP u lis-sieħba ekonomiċi l-oħra.*

*Emenda*

(21) Tibdil globali, rifless fil-proċess kontinwu ta' liberalizzazzjoni ta' kummerċ, *li huwa ffit wisq favorevoli għat-territorji gżejjer żgħar jobbliga* lill-Unjoni, bħala s-sieħba *kummerċjali* prinċipali *tal-PTEE, tikkunsidra aħjar l-interessi tal-PTEE fil-ftehimiet kummerċjali li tikkonkludi mal-istati ġirien tal-PTEE. Dan jimplika responsabilità kondiviża biex jiġu inklużi, sistematikament, klawnsoli tar-rispett tal-istandards soċjali minimi f'kull sħubija jew ftehim kummerċjali negozjat.*

## Emenda 13

### Proposta għal deċiżjoni Premessa 21a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

(21a) *Billi l-politiki ta' awsterità kellhom effetti ta' ħsara fuq l-impjeg, hemm bżonn ta' kooperazzjoni bejn il-PTEE u l-Unjoni biex jinqatgħu minn dawn il-politiki u jmexxu 'l quddiem programmi ambizzjużi ta' investiment pubbliku, bħala l-uniku mod biex jiġu garantiti kundizzjonijiet ta' għajxien u ta' xogħol deċenti għall-maġġoranza tal-popolazzjoni kemm fil-PTEE kif ukoll fl-Unjoni.*

*Emenda*

## Emenda 14

### Proposta għal deċiżjoni Premessa 22

*Test propost mill-Kummissjoni*

(22) Il-PTEE huma ambjenti ta' gżejjer fraġli li jeħtieġu protezzjoni adegwata, inkluż rigward maniġġjar tal-iskart. Rigward skart radjoattiv, dan huwa previst fl-Artikolu 198 tat-Trattat Euratom u l-leġislazzjoni sekondarja relatata, minbarra fil-każ tal-Groenlandja, li għaliha t-Trattat Euratom ma japplikax. Għal skart ieħor, għandu jiġi speċifikat liema regoli tal-Unjoni għandhom japplikaw fejn jidħlu l-PTEE.

*Emenda*

(22) Il-PTEE huma ambjenti ta' gżejjer fraġli li jeħtieġu protezzjoni adegwata, inkluż rigward maniġġjar tal-iskart **u tat-tniġġis radjoattiv**. Rigward skart radjoattiv, dan huwa previst fl-Artikolu 198 tat-Trattat Euratom u l-leġislazzjoni sekondarja relatata, minbarra fil-każ tal-Groenlandja, li għaliha t-Trattat Euratom ma japplikax. Għal skart ieħor, għandu jiġi speċifikat liema regoli tal-Unjoni għandhom japplikaw fejn jidħlu l-PTEE. **Rigward it-tniġġis radjoattiv, partikolarment dak marbut mal-esperimenti nukleari, għandu jiġi ppreċiżat liema regoli tal-Unjoni jistgħu jiġu applikati għall-PTEE, bil-għan li jiħarsu b'mod sostenibbli l-bijodiversità u l-popolazzjonijiet minn dawn il-forom ta' tniġġis.**

**Emenda 15**

**Proposta għal deċiżjoni  
Premessa 26**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(26) B'kunsiderazzjoni tal-għanijiet tal-integrazzjoni u l-iżvilupp tal-kummerċ globali fil-qasam tas-servizzi u l-istabbiliment, huwa neċessarju li jingħata appoġġ għall-iżvilupp ta' swieq tas-servizzi u possibbiltajiet ta' investiment billi jittejjeb l-aċċess għas-suq tas-servizzi tal-PTEE u jsir investiment fis-suq tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, lill-PTEE l-Unjoni għandha toffrilhom l-aħjar trattament possibbli li jiġi offrut lil kwalunkwe sieħeb kummerċjali permezz ta' klawsoli komprensivi tal-aktar nazzjon favorit, filwaqt li tiżgura aktar possibbiltajiet flessibbli għar-relazzjonijiet kummerċjali lill-PTEE billi t-trattament offrut mill-PTEE lill-Unjoni jiġi limitat għal dak li ġie

*Emenda*

(26) B'kunsiderazzjoni tal-għanijiet tal-integrazzjoni u l-iżvilupp tal-kummerċ globali fil-qasam tas-servizzi u l-istabbiliment, huwa neċessarju li jingħata appoġġ għall-iżvilupp ta' swieq tas-servizzi u possibbiltajiet ta' investiment billi jittejjeb l-aċċess għas-suq tas-servizzi tal-PTEE u jsir investiment fis-suq tal-Unjoni, **u billi jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għall-kuntratti ta' appalti pubbliċi**. F'dan ir-rigward, lill-PTEE l-Unjoni għandha toffrilhom l-aħjar trattament possibbli li jiġi offrut lil kwalunkwe sieħeb kummerċjali permezz ta' klawsoli komprensivi tal-aktar nazzjon favorit, filwaqt li tiżgura aktar possibbiltajiet flessibbli għar-relazzjonijiet kummerċjali lill-PTEE billi t-trattament offrut mill-

offrut lill-ekonomiji kummerċjali maġġuri.

PTEE lill-Unjoni jiġi limitat għal dak li ġie offrut lill-ekonomiji kummerċjali maġġuri.

## Emenda 16

### Proposta għal deċiżjoni

#### Premessa 28

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(28) Il-miżuri sanitarji u fitosanitarji u l-ostakli tekniċi fuq il-kummerċ jistgħu jħallu impatt fuq il-kummerċ u hemm bżonn li jkun hemm kooperazzjoni dwarhom. Il-kummerċ u l-kooperazzjoni relatata mal-kummerċ għandhom jindirizzaw ukoll il-politiki tal-kompetizzjoni u d-drittijiet *tal-proprjetà* intellettuali, li jolqtu d-distribuzzjoni ekwa tal-gwadanji tal-kummerċ.

##### *Emenda*

(28) Il-miżuri sanitarji u fitosanitarji u l-ostakli tekniċi fuq il-kummerċ jistgħu jħallu impatt fuq il-kummerċ u ***fuq is-sitwazzjoni tal-impjiegi u*** hemm bżonn li jkun hemm kooperazzjoni dwarhom. Il-kummerċ u l-kooperazzjoni relatata mal-kummerċ għandhom jindirizzaw ukoll il-politiki ***tal-impjeg, speċjalment dawk li jikkonċernaw iż-żgħażaġh, il-politiki*** tal-kompetizzjoni u d-drittijiet *tal-proprjetà* intellettuali, li jolqtu d-distribuzzjoni ekwa tal-gwadanji tal-kummerċ.

## Emenda 17

### Proposta għal deċiżjoni

#### Premessa 29

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(29) Sabiex jiġi żgurat li l-PTEE jkunu jistgħu jipparteċipaw fis-suq intern tal-Unjoni fl-aħjar kundizzjonijiet bħala swieq reġjonali, subreġjonali u swieq internazzjonali, huwa importanti li l-kapaċità tal-PTEE f'diversi oqsma tiġi żviluppata. Dawn jinkludu l-iżvilupp tar-riżorsi umani u tal-ħiliet tagħhom, l-iżvilupp tal-impriżi żgħar u medji, id-diversifikazzjoni ta' setturi ekonomiċi u l-implimentazzjoni ta' qafas legali xieraq sabiex jinkiseb ambjent kummerċjali li jwassal għal aktar investment.

##### *Emenda*

(29) Sabiex jiġi żgurat li l-PTEE jkunu jistgħu jipparteċipaw fis-suq intern tal-Unjoni fl-aħjar kundizzjonijiet bħala swieq reġjonali, subreġjonali u swieq internazzjonali, huwa importanti li l-kapaċità tal-PTEE f'diversi oqsma tiġi żviluppata. Dawn jinkludu l-iżvilupp tar-riżorsi umani u tal-ħiliet tagħhom ***billi: jiġi offrut taħriġ professjonali xieraq u kontinwu; jiġi ffaċilitat*** l-iżvilupp tal-impriżi żgħar u medji; ***jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-istrumenti ta' mikrofinanzjament u self;*** id-diversifikazzjoni ta' setturi ekonomiċi; u l-implimentazzjoni ta' qafas legali xieraq sabiex jinkiseb ambjent kummerċjali li

jwassal għal aktar investiment. ***Għal dan l-għan, it-tagħqid tal-fondi FEŻ u tal-programmi u l-istrumenti mdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni li għalihom huma eliġibbli l-PTEE tippermetti t-tisħiħ u r-razzjonalizzazzjoni tal-investimenti proposti.***

## Emenda 18

### Proposta għal deċiżjoni Premessa 30a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(30a) Il-PTEE jistgħu jiżvolġu rwol kruċjali fil-ġlieda kontra r-rifuġji fiskali. F'dan ir-rigward, il-ħtieġa li jsir progress lejn trasparenza reali tas-settur finanzjarju għandha tiġi enfasizzata.***

## Emenda 19

### Proposta għal deċiżjoni Premessa 33

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(33) Il-proċeduri rigward l-assistenza finanzjarja previsti fl-Artikoli 9 u 82 jiddelegaw ir-responsabbiltà ewlenija, b'mod partikolari, mill-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni tal-11 il FEŻ Il-kooperazzjoni ser titwettaq l-aktar f'konformità ma' regolamenti territorjali tal-PTEE u ser tinfed l-appoġġ għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-awditjar tal-operazzjonijiet programmati. Barra minn hekk, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li l-PTEE jkunu eliġibbli għal għejjun differenti ta' finanzjament previsti fl-Artikolu 76.

(33) Il-proċeduri rigward l-assistenza finanzjarja previsti fl-Artikoli 9 u 82 jiddelegaw ir-responsabbiltà ewlenija, b'mod partikolari, mill-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni tal-11 il FEŻ. Il-kooperazzjoni ser titwettaq l-aktar f'konformità ma' regolamenti territorjali tal-PTEE u ser tinfed l-appoġġ għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-awditjar tal-operazzjonijiet programmati. Barra minn hekk, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li l-PTEE jkunu eliġibbli għal għejjun differenti ta' finanzjament previsti fl-Artikolu 76, ***u li l-Kummissjoni għandha d-dmir li taġevola l-aċċess tal-PTEE għall-programmi orizzontali permezz tal-ħolqien tal-"istrateġija PTEE" tagħha, hekk kif previst fl-***

**Emenda 20**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Premessa 34**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(34) Sabiex jiġu adottati regoli dettaljati għat-tnejjija tad-dokumenti ta' pprogrammar, is-segwitu, l-awditjar, l-evalwazzjoni, l-analiżi u l-implimentazzjoni tagħhom, kif ukoll għal rappurtar u korrezzjonijiet finanzjarji, is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-Parti IV ta' din id-Deċiżjoni. Sabiex jitqiesu l-iżviluppi teknoloġiċi u t-tibdil *fid-drawwiet leġiżlattivi*, il-Kummissjoni wkoll għandha tiġi ddelegata bis-setgħa li tadotta atti li jemendaw l-Appendiċi tal-Anness VI, f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Huwa importanti ħafna li l-Kummissjoni tagħmel il-konsultazzjonijiet xierqa waqt il-fażi tax-xogħol ta' tnejjija, inkluż fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tnejji u tfassal atti *ddelegati*, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Kunsill.

*Emenda*

(34) Sabiex jiġu adottati regoli dettaljati għat-tnejjija tad-dokumenti ta' pprogrammar, is-segwitu, l-awditjar, l-evalwazzjoni, l-analiżi u l-implimentazzjoni tagħhom, kif ukoll għal rappurtar u korrezzjonijiet finanzjarji, is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-Parti IV ta' din id-Deċiżjoni. ***Għall-finijiet tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar l-għoti ta' kumulu ta' oriġini bejn PTEE u pajjiż li miegħu l-Unjoni kkonkludiet u qiegħda tapplika ftehim ta' kummerċ ħieles, derogi mis-sistema tal-esportaturi reġistrati kif ukoll derogi temporanji mid-dispożizzjonijiet tal-Anness VI, il-Kummissjoni għandha tiġi ddelegata bis-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea rigward l-Anness VI ta' din id-Deċiżjoni.*** Sabiex jitqiesu l-iżviluppi teknoloġiċi u t-tibdil *fil-leġiżlazzjoni doganali*, il-Kummissjoni wkoll għandha tiġi ddelegata bis-setgħa li jemendaw l-Appendiċi tal-Anness VI, f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. ***Għall-finijiet tal-adozzjoni tad-deċiżjonijiet dwar l-irtirar temporanju tat-trattament preferenzjali u rigward miżuri ta' sorveljanza preventiva previsti fl-Anness VII, kif ukoll rigward miżuri ta' salvagwardji provviżorji u definittivi previsti fl-Anness VIII, il-Kummissjoni għandha tiġi ddelegata bis-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat***

**dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea rigward l-Annessi VII u VIII tad-Deċiżjoni, rispettivament.** Huwa importanti ħafna li l-Kummissjoni tagħmel il-konsultazzjonijiet xierqa waqt il-fażi tax-xogħol ta' tħejjija, inkluż fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal atti *delegati*, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti ***lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***

### *Ġustifikazzjoni*

*Minkejja l-fatt li din hija deċiżjoni tal-Kunsill u li għalhekk, il-PE ma għandux rwol ta' koleġiżlatur, il-PE għandu d-dritt li jiġi infurmat bl-adozzjoni tal-atti delegati.*

### **Emenda 21**

#### **Proposta għal deċiżjoni Artikolu 2 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2a. Sabiex ikunu jistgħu jitwettqu dawn l-oġettivi, għandhom jitqiesu l-identità, is-sitwazzjoni ġeografika, politika, ekonomika u soċjali ta' kull PTEE.***

### **Emenda 22**

#### **Proposta għal deċiżjoni Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(b) il-promozzjoni ta' tkabbir ekoloġiku;

(b) il-promozzjoni ta' tkabbir ekoloġiku ***u impjiegi ekoloġiċi fl-industriji kollha relatati mat-tkabbir kompatibbli mal-ambjent;***

### **Emenda 23**

#### **Proposta għal deċiżjoni Artikolu 6 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Bil-għan tat-tisħiħ tar-relazzjonijiet bejniethom, l-Unjoni u l-PTEE jagħmlu mill-aħjar biex jippromwovu l-assoċjazzjoni maċ-ċittadini tagħhom, partikolarment permezz tal-promozzjoni tal-iżvilupp tar-rabtiet u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet, il-komunità akkademika, is-soċjetà ċivili u n-negozji tal-PTEE fuq naħa waħda, u mal-interlokuturi tagħhom fi ħdan l-Unjoni fuq in-naħa l-oħra.

*Emenda*

1. Bil-għan tat-tisħiħ tar-relazzjonijiet bejniethom, l-Unjoni u l-PTEE jagħmlu mill-aħjar biex jippromwovu l-assoċjazzjoni, ***u l-benefiċċji kondiviżi li jirriżultaw minnha***, maċ-ċittadini tagħhom, partikolarment permezz tal-promozzjoni tal-iżvilupp tar-rabtiet u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet, il-komunità akkademika, is-soċjetà ċivili, ***is-sħab soċjali***, u n-negozji tal-PTEE fuq naħa waħda, u mal-interlokuturi tagħhom fi ħdan l-Unjoni fuq in-naħa l-oħra. ***F'dan ir-rigward, l-Unjoni għandha tiżgura l-parteċipazzjoni effikaċi tal-PTEE fil-programmi ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni u speċjalment iċ-ċentri ta' informazzjoni "Europe Direct" sabiex javviċinaw l-Unjoni maċ-ċittadini tagħha li jgħixu fil-PTEE.***

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa meħtieġ li tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tal-PTEE fil-programmi ta' komunikazzjoni tal-UE. Peress li l-PTEE huma membri tal-familja tal-UE, huwa importanti li tkun disponibbli informazzjoni aħjar dwar l-Ewropa f'dawn it-territorji li tant huma mbiegħda mill-Unjoni.*

**Emenda 24**

**Proposta għal deċiżjoni  
Artikolu 6 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2a. Il-Kummissjoni għandha tigarantixxi li s-sħubijiet mal-PTEE jiġu promossi fl-ambitu tal-programmi u tal-istrumenti kollha tal-Unjoni mdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni msemmijin fl-Artikolu 88.***

**Emenda 25**



**Proposta għal deċiżjoni**  
**Artikolu 7 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-assoċjazzjoni għandha l-għan li tappoġġja l-kooperazzjoni bejn il-PTEE u sħab oħrajn fl-oqsma tal-kooperazzjoni stabbilita fil-Partijiet Tnejn u Tlieta ta' din id-Deċiżjoni. F'dan ir-rigward, l-għan tal-assoċjazzjoni hija l-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn il-PTEE u r-reġjuni ultraperiferiċi, imsemmija fl-Artikolu 349 tat-Trattat, l-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) ġirien tagħhom u Stati li mhumiex parti mill-AKP. Sabiex tikseb dan il-għan, l-Unjoni għandha ttejjeb il-koordinazzjoni u s-sinerġiji bejn il-programmi ta' kooperazzjoni appoġġjati minn strumenti finanzjarji differenti tal-UE.

*Emenda*

3. L-assoċjazzjoni għandha l-għan li tappoġġja l-kooperazzjoni bejn il-PTEE u sħab oħrajn fl-oqsma tal-kooperazzjoni stabbilita fil-Partijiet Tnejn u Tlieta ta' din id-Deċiżjoni. F'dan ir-rigward, l-għan tal-assoċjazzjoni hija l-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn il-PTEE u r-reġjuni ultraperiferiċi, imsemmija fl-Artikolu 349 tat-Trattat, l-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) ġirien tagħhom u Stati li mhumiex parti mill-AKP. Sabiex tikseb dan il-għan, l-Unjoni għandha ttejjeb il-koordinazzjoni u s-sinerġiji bejn il-programmi ta' kooperazzjoni appoġġjati minn strumenti finanzjarji differenti tal-UE, ***inklużi l-programmi ta' kooperazzjoni territorjali fi ħdan il-politika ta' koeżjoni. Barra minn hekk, l-Unjoni għandha tinvolvi lill-PTEE fid-djalogu politiku mal-Istati ġirien tal-PTEE u tinfirmahom bl-aġenda kif ukoll bir-riżoluzzjonijiet jew ir-rakkomandazzjonijiet tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jappoġġjaw, barra minn hekk, kull talba mill-awtoritajiet tal-PTEE biex jipparteċipaw bħala osservaturi fis-sessjonijiet plenarji tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE, skont ir-regoli stess ta' proċedura tal-Assemblea.***

**Emenda 26**

**Proposta għal deċiżjoni**  
**Artikolu 7 – paragrafu 4 – punt d**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) il-parteċipazzjoni tal-PTEE fl-iżvilupp

*Emenda*

(d) il-parteċipazzjoni tal-PTEE fl-iżvilupp

*ta' swieq* reġjonali fi ħdan il-kuntest ta' organizzazzjoni ta' integrazzjoni reġjonali;

*tal-organizzazzjonijiet* reġjonali *jew tas-swieq reġjonali* fi ħdan il-kuntest ta' organizzazzjoni ta' integrazzjoni reġjonali;

## Emenda 27

### Proposta għal deċiżjoni

#### Artikolu 9 – paragrafu 2 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Fejn xieraq, il-PTEE għandhom jorganizzaw *djalgou* u konsultazzjonijiet ma' awtoritajiet u korpi bħal:

2. Fejn xieraq, il-PTEE għandhom jorganizzaw *djalogu* u konsultazzjonijiet ma' awtoritajiet, **membri parlamentari** u korpi bħal:

#### *Ġustifikazzjoni*

*Huwa kruċjali li l-membri parlamentari li jirrappreżentaw lill-PTEE jkunu involuti fil-proċess sabiex ikun kemm jista' jkun demokratiku.*

## Emenda 28

### Proposta għal deċiżjoni

#### Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(aa) il-membri parlamentari eletti tal-PTEE fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni;**

#### *Ġustifikazzjoni*

*Huwa kruċjali li l-membri parlamentari li jirrappreżentaw lill-PTEE jkunu involuti fil-proċess sabiex ikun kemm jista' jkun demokratiku.*

## Emenda 29

### Proposta għal deċiżjoni

#### Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ca) l-organizzazzjonijiet tal-PTEE, pereżempju l-Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi u t-**

***Territorji Extra-Ewropej (OCTA);***

*Ġustifikazzjoni*

*L-organizzazzjonijiet bħall-OCTA għandhom jipparteċipaw fid-djalogu dwar l-assoċjazzjoni bejn l-UE/PTEE.*

**Emenda 30**

**Proposta għal deċiżjoni  
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ba) il-membri parlamentari eletti tal-PTEE fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni;***

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa kruċjali li l-membri parlamentari li jirrappreżentaw lill-PTEE jkunu involuti fil-proċess sabiex ikun kemm jista' jkun demokratiku.*

**Emenda 31**

**Proposta għal deċiżjoni  
Artikolu 12 – paragrafu 4a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(4a) Id-djalogu għandu jippermetti lill-PTEE jsiru jafu dwar il-programmi orizzontali reġjonali differenti kif ukoll dwar il-proġetti tal-FEŻ reġjonali attwali sabiex ikunu jistgħu jipparteċipaw fihom.***

**Emenda 32**

**Proposta għal deċiżjoni  
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(a) Il-forum bejn il-PTEE u l-UE (il-forum PTEE-UE), għandu jiltaqa' kull sena biex ilaqqqa' l-awtoritajiet tal-PTEE, ir-

(a) Il-forum bejn il-PTEE u l-UE (il-forum PTEE-UE), għandu jiltaqa' kull sena biex ilaqqqa' l-awtoritajiet tal-PTEE, ***il-***

rappreżentanti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni. Il-membri tal-Parlament Ewropew, ir-rappreżentanti tal-BEI, **u r-rappreżentanti** tal-reġjuni ultraperiferiċi għandhom ikunu assoċjati mal-Forum PTEE-UE, fejn xieraq;

**parlamentari eletti tal-PTEE**, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni. Il-membri tal-Parlament Ewropew **huma assoċjati miegħu**. Ir-rappreżentanti tal-BEI, **ir-rappreżentanti** tal-reġjuni ultraperiferiċi, **u l-Istati ġirien AKP u mhux AKP** għandhom ikunu assoċjati mal-Forum PTEE-UE, fejn xieraq;

#### *Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jinkiseb l-għan ta' tisħiħ tal-kooperazzjoni reġjonali u l-promozzjoni tal-PTEE bħala postijiet imbiegħda tal-UE fir-reġjuni tagħhom, ikun xieraq li jitħeġġeġ l-aċċess tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Istati ġirien tal-PTEE, AKP u mhux AKP, fil-forum UE-PTEE annwali, jekk ikun xieraq.*

### **Emenda 33**

#### **Proposta għal deċiżjoni**

#### **Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt b**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) fuq bażi regolari, il-Kummissjoni, il-PTEE u l-Istati Membri li l-PTEE għandhom rabtiet magħhom għandu jkollhom konsultazzjonijiet trilaterali. **Bħala regola** dawn il-konsultazzjonijiet għandhom jiġu organizzati erba' darbiet fis-sena fuq inizjattiva tal-Kummissjoni jew fuq talba **tal-PTEE** u tal-Istat Membru li jkollu rabtiet miegħu.

##### *Emenda*

(b) fuq bażi regolari, il-Kummissjoni, il-PTEE u l-Istati Membri li l-PTEE għandhom rabtiet magħhom għandu jkollhom konsultazzjonijiet trilaterali. Dawn il-konsultazzjonijiet għandhom jiġu organizzati **tal-anqas** erba' darbiet fis-sena **u meta jkun hemm bżonn** fuq inizjattiva tal-Kummissjoni jew fuq talba **ta' PTEE wieħed jew aktar** u tal-Istat Membru li jkollu rabtiet miegħu.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Huwa neċessarju li tinżamm ċerta flessibilità fl-arranġamenti għall-konsultazzjonijiet trilaterali.*

### **Emenda 34**

#### **Proposta għal deċiżjoni**

#### **Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

**(ca) l-għajnuna għall-SMEs impenjati f'attività ekonomika sostenibbli u li jivvalorizzaw ir-rikkezza ekosistemika tat-territorji, partikolarment fl-ambitu tar-riċerka, tal-agrikoltura, tal-artiġġjanat u tat-turiżmu;**

### Emenda 35

#### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 17 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) it-tlaqqiġ ta' attivitajiet ekonomiċi u soċjali bħas-sajd u l-akwakultura, it-turiżmu, it-trasporti marittimi mal-potenzjal ta' żoni kostali u tal-baħar f'termini ta' enerġija rinnovabbli, materja prima, filwaqt li jitqiesu l-impatti tat-tibdil fil-klima u ***l-attivitajiet*** tal-bniedem.

Emenda

(b) it-tlaqqiġ ta' attivitajiet ekonomiċi u soċjali bħas-sajd u l-akwakultura, ***l-agrikoltura***, it-turiżmu, it-trasporti marittimi ***u bl-ajru, l-industrija, l-attivitajiet minerarji u l-ippjanar tat-territorju***, mal-potenzjal ta' żoni kostali u tal-baħar f'termini ta' enerġija rinnovabbli, materja prima, filwaqt li jitqiesu l-impatti tat-tibdil fil-klima u ***tat-tniġġis telluriku marbuta mal-attivitajiet*** tal-bniedem ***u tal-annimali***.

### Emenda 36

#### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) bla ħsara għall-ftehimiet ta' sħubija ***bilaterali*** futuri dwar is-sajd ***bejn l-Unjoni u l-PTEE***, l-Unjoni u l-PTEE għandhom ikollhom l-għan li jikkonsultaw b'mod regolari ma' xulxin dwar il-konservazzjoni u l-immaniġġjar tar-riżorsi ħajjin tal-baħar u li jiskambjaw informazzjoni dwar l-istat kurrenti tar-riżorsi fil-kuntest tal-okkażjonijiet relevanti tal-assoċjazzjoni

Emenda

(c) bla ħsara għall-ftehimiet ta' sħubija futuri dwar is-sajd ***konklużi mill-Unjoni***, l-Unjoni u l-PTEE għandhom ikollhom l-għan li jikkonsultaw b'mod regolari ma' xulxin dwar il-konservazzjoni u l-immaniġġjar tar-riżorsi ħajjin tal-baħar u li jiskambjaw informazzjoni dwar l-istat kurrenti tar-riżorsi fil-kuntest tal-okkażjonijiet relevanti tal-assoċjazzjoni

previsti fl-Artikolu 13.

previsti fl-Artikolu 13.

### **Emenda 37**

#### **Abbozz ta' deċiżjoni Artikolu 19 – paragrafu 2 – punt b**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) djalogu u kooperazzjoni dwar il-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut fosthom miżuri fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux irregolat u kooperazzjoni effettiva mal-organizzazzjonijiet tal-immaniġġjar tal-ħut u wkoll fi ħdanhom. Id-djalogu u l-kooperazzjoni għandhom jinkludu skemi ta' kontroll u spezzjoni, inċentivi u obbligi għal immaniġġjar aktar effettiv tas-sajd u l-ambjenti kostali fit-tul.

##### *Emenda*

(b) djalogu u kooperazzjoni dwar il-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut fosthom miżuri fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux irregolat u kooperazzjoni effettiva mal-organizzazzjonijiet tal-immaniġġjar tal-ħut u wkoll fi ħdanhom. Id-djalogu u l-kooperazzjoni għandhom jinkludu skemi ta' kontroll u spezzjoni, inċentivi u obbligi għal immaniġġjar aktar effettiv tas-sajd u l-ambjenti kostali fit-tul. ***Id-djalogu u l-kooperazzjoni għandhom jiġu akkumpanjati minn żieda, min-naħa tal-Kummissjoni, fl-isforzi intiżi għall-promozzjoni ta' mmaniġġjar sostenibbli tas-sajd, bl-appoġġ tas-sistemi ta' monitoraġġ u ta' sorveljanza lokali permezz ta' ftehimiet ta' sħubija mal-PTEE, li huma assoċjati mal-Unjoni.***

##### *Ġustifikazzjoni*

*Is-sajd IUU attwalment jikkostitwixxi waħda mit-theddiet l-aktar gravi għas-sostenibilità tal-istokkijiet tal-ħut u tal-bijodiversità tal-oċeani tad-dinja kollha. Barra minn hekk, l-attivitajiet kummerċjali marbutin magħha jirrappreżentaw forma ta' kompetizzjoni żleali fir-rigward tas-sajjeda li joperaw b'mod legali, barra milli toħloq problemi ta' natura ekonomika għall-komunitajiet ta' sajjeda, konsumaturi u għas-settur kollu kemm hu. Għaldaqstant hemm bżonn li jissaħħaħ il-koordinament u l-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-PTEE msieħba mal-UE biex jiġġieldu b'mod effikaċi is-sajd IUU.*

### **Emenda 38**

#### **Proposta għal deċiżjoni Artikolu 20 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Fil-qasam tal-provvista tal-ilma u s-settur tas-sanità, għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-aċċess f'żoni li mhumiex moqdiya tajjeb fir-rigward tal-ilma għax-xorb u s-servizzi tas-sanità, li jikkontribwixxu direttament għall-iżvilupp ta' riżorsi umani permezz tat-titjib tal-istat tas-saħħa u taż-żieda fil-produttività.

*Emenda*

2. Fil-qasam tal-provvista tal-ilma u s-settur tas-sanità, għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-aċċess f'żoni li mhumiex moqdiya tajjeb fir-rigward tal-ilma għax-xorb u s-servizzi tas-sanità ***jew li huma partikolarment esposti għal diżastri naturali***, li jikkontribwixxu direttament għall-iżvilupp ta' riżorsi umani permezz tat-titjib tal-istat tas-saħħa u taż-żieda fil-produttività.

**Emenda 39**

**Proposta għal deċiżjoni  
Artikolu 21**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tal-immaniġġjar tal-iskart tista' tikkonċerna l-promozzjoni tal-użu tal-aħjar prattika ambjentali fl-operazzjonijiet kollha relatati mal-immaniġġjar tal-iskart, fosthom it-tnaqqis tat-tniġġis, ir-riċiklaġġ għall-estrazzjoni ta' materja prima sekondarja u r-rimi tal-iskart.

*Emenda*

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tal-immaniġġjar tal-iskart tista' tikkonċerna l-promozzjoni tal-użu tal-aħjar prattika ambjentali fl-operazzjonijiet kollha relatati mal-immaniġġjar tal-iskart ***ta' oriġini umana jew tal-animali***, fosthom it-tnaqqis tat-tniġġis, ir-riċiklaġġ għall-estrazzjoni ta' materja prima sekondarja u r-rimi tal-iskart.

**Emenda 40**

**Proposta għal deċiżjoni  
Artikolu 25 – paragrafu 2 – punt (b)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) ***it-trasport*** bit-triq, bil-ferrovija, bil-baħar jew b'passaġġi fuq l-ilma interni;

*Emenda*

(b) ***il-modi tat-trasport kollettiv u l-modi l-oħra tat-trasport sostenibbli*** bit-triq, ***it-trasport*** bil-ferrovija, bil-baħar jew b'passaġġi fuq l-ilma interni;

## Ġustifikazzjoni

*Fi ħdan l-investimenti fl-infrastruttura tat-triq, huwa xieraq li titpoġġa enfasi fuq it-tisħiħ tat-trasport kollettiv u t-trasport bit-triq sostenibbli.*

### Emenda 41

#### Proposta għal deċizzjoni Artikolu 29

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) għandha l-għan li tixpruna l-innovazzjoni, it-tkabbir ekonomiku u titjib fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini u n-negozji tal-PTEE, fosthom il-promozzjoni tal-aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà. B'mod partikolari, il-kooperazzjoni għandu jkollha l-għan li ttejjeb il-kapaċità regolatorja tal-PTEE u tista' tappoġġja l-espansjoni ta' netwerks u servizzi tal-ICT permezz tal-miżuri li ġejjin:

- (a) il-ħolqien ta' ambjent regolatorju prevedibbli li jżomm il-pass mal-iżvilupp teknoloġiċi, jstimula t-tkabbir u l-innovazzjoni u jrawwem il-kompetizzjoni u l-ħarsien tal-konsumatur;
- (b) id-djalogu dwar id-diversi aspetti ta' politika rigward il-promozzjoni u l-monitoraġġ tas-soċjetà tal-informazzjoni;
- (c) l-iskambju ta' informazzjoni dwar standards u kwistjonijiet ta' interoperabbiltà;
- (d) il-promozzjoni tal-kooperazzjoni fil-qasam tar-riċerka tal-ICT u fil-qasam tal-infrastrutturi tar-riċerka bbażati fuq l-ICT;
- (e) l-iżvilupp ta' servizzi u applikazzjonijiet fl-oqsma b'impatt kbir fuq is-soċjetà.

##### *Emenda*

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) għandha l-għan li tixpruna l-innovazzjoni, it-tkabbir ekonomiku, ***il-kooperazzjoni, il-libertà tal-espressjoni, il-ħolqien ta' impjiegi ġodda*** u titjib fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini u n-negozji tal-PTEE, fosthom il-promozzjoni tal-aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà. B'mod partikolari, il-kooperazzjoni għandu jkollha l-għan li ttejjeb il-kapaċità regolatorja tal-PTEE u tista' tappoġġja l-espansjoni ta' netwerks u servizzi tal-ICT permezz tal-miżuri li ġejjin:

- (a) il-ħolqien ta' ambjent regolatorju prevedibbli li jżomm il-pass mal-iżvilupp teknoloġiċi, jstimula t-tkabbir u l-innovazzjoni u jrawwem il-kompetizzjoni u l-ħarsien tal-konsumatur;
- (b) id-djalogu dwar id-diversi aspetti ta' politika rigward il-promozzjoni u l-monitoraġġ tas-soċjetà tal-informazzjoni;
- (c) l-iskambju ta' informazzjoni dwar standards u kwistjonijiet ta' interoperabbiltà;
- (d) il-promozzjoni tal-kooperazzjoni fil-qasam tar-riċerka tal-ICT u fil-qasam tal-infrastrutturi tar-riċerka bbażati fuq l-ICT;
- (e) l-iżvilupp ta' servizzi u applikazzjonijiet fl-oqsma b'impatt kbir fuq is-soċjetà, ***bħal pereżempju l-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali.***



## Emenda 42

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 30 – frażi introdutturja

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam *tar-riċerja* u l-innovazzjoni tista' tkopri x-xjenza, it-teknoloġija, fosthom it-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, bil-għan li jingħata kontribut għall-iżvilupp sostenibbli tal-PTEE u għall-promozzjoni tal-eċċellenza u l-kompetittività **industrijali** fil-PTEE. B'mod partikolari, il-koperazzjoni tista' tikkonċerna:

#### *Emenda*

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam *tar-riċerka* u l-innovazzjoni tista' tkopri x-xjenza, **l-edukazzjoni**, it-teknoloġija, fosthom it-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, bil-għan li jingħata kontribut għall-iżvilupp sostenibbli tal-PTEE u għall-promozzjoni tal-eċċellenza u l-kompetittività **tal-impriżi u b'mod speċjali tal-SMEs** fil-PTEE. B'mod partikolari, il-koperazzjoni tista' tikkonċerna:

## Emenda 43

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 30 – punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) il-bini ta' politika u istituzzjonijiet fil-PTEE u azzjonijiet komuni fil-livell lokali, nazzjonali jew reġjonali, bil-għan li jiġu żviluppati x-xjenza, it-teknoloġija u l-attivitajiet innovazzjoni u l-applikazzjoni tagħhom;

#### *Emenda*

(b) il-bini ta' politika u istituzzjonijiet fil-PTEE u azzjonijiet komuni fil-livell lokali, nazzjonali jew reġjonali, bil-għan li jiġu żviluppati x-xjenza, **l-edukazzjoni**, it-teknoloġija u l-attivitajiet innovazzjoni u l-applikazzjoni tagħhom;

## Emenda 44

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 30 – punt d

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(d) il-parteċipazzjoni ta' riċerkaturi individwali, korpi tar-riċerka u entitajiet *legali* mill-PTEE fil-qafas għall-

#### *Emenda*

(d) il-parteċipazzjoni ta' riċerkaturi individwali, korpi tar-riċerka, **SMEs** u entitajiet *ġuridiċi* mill-PTEE fil-qafas

koopearzzjoni relatat ma' programmi ta' riċerka u innovazzjoni *fi ħdan l-Unjoni*;

għall-koopearzzjoni relatat ma' programmi *tal-Unjoni* ta' riċerka u innovazzjoni *tal-kompetittività tal-impriżi u, partikolarment, tal-SMEs*;

#### Emenda 45

##### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 30 – punt e

*Test propost mill-Kummissjoni*

(e) it-taħriġ u l-mobbiltà internazzjonali ta' riċerkaturi tal-PTEE u skambji.

*Emenda*

(e) it-taħriġ u l-mobbiltà internazzjonali ta' riċerkaturi *u ta' studenti* tal-PTEE u skambji *ta' riċerkaturi u ta' studenti*.

#### Emenda 46

##### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 31 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Unjoni għandha tiżgura li l-persuni fiżiċi mill-PTEE, kif definiti fl-Artikolu 49, *ikunu jistgħu* jipparteċipaw *f'inizjattivi* tal-Unjoni li jikkonċernaw iż-żgħażaġh fuq l-istess bażi taċ-ċittadini tal-Istati Membri.

*Emenda*

1. L-Unjoni għandha tiżgura li l-persuni fiżiċi mill-PTEE, kif definiti fl-Artikolu 49, jipparteċipaw *fl-inizjattivi u fil-programmi* tal-Unjoni li jikkonċernaw iż-żgħażaġh fuq l-istess bażi taċ-ċittadini tal-Istati Membri.

#### Emenda 47

##### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 31 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-assoċjazzjoni għandha l-għan li ssaħħaħ ir-rabtiet bejn iż-żgħażaġh li jgħixu fil-PTEE u fl-Unjoni, fost l-oħrajn permezz tal-promozzjoni *tal-mobbiltà għat-tagħlim* għaż-żgħażaġh tal-PTEE u bit-trawwim tal-komprensjoni reċiproka bejn iż-żgħażaġh.

*Emenda*

2. L-assoċjazzjoni għandha l-għan li ssaħħaħ ir-rabtiet bejn iż-żgħażaġh li jgħixu fil-PTEE u fl-Unjoni, fost l-oħrajn permezz tal-promozzjoni *tat-taħriġ edukattiv u inizjali, professjonali jew kontinwu, skambji ta' tagħlim u l-mobbiltà* għaż-żgħażaġh tal-PTEE u bit-trawwim *tat-tagħlim interkulturali u* tal-komprensjoni reċiproka bejn iż-żgħażaġh.

## Emenda 48

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 31 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. L-Unjoni u l-PTEE għandhom jikkooperaw sabiex iż-żgħażaġh ikunu involuti b'mod attiv fis-suq tax-xogħol sabiex jiġi evitat il-qgħad fost iż-żgħażaġh.**

## Emenda 49

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 32 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(aa) l-offerta ta' opportunitajiet ta' esperjenzi ta' xogħol biex l-istudenti jkunu jistgħu jiżviluppaw ħiliet utli għas-suq tax-xogħol;**

### *Ġustifikazzjoni*

*L-esperjenza tax-xogħol tagħti lill-istudenti idea tal-ħajja tax-xogħol u tagħtihom l-opportunità li jitgħallmu billi jmiddu jdejhom.*

## Emenda 50

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 32 – paragrafu 1 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(b) l-appoġġ lill-PTEE fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' politiki tal-edukazzjoni.

(b) l-appoġġ lill-PTEE fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' politiki tal-edukazzjoni **u t-taħriġ professjonali formali u informali.**

## Emenda 51

**Proposta għal deċiżjoni**  
**Artikolu 32 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Unjoni għandha tiżgura li l-persuni fiżiċi mill-PTEE, kif definiti fl-Artikolu 49, **ikunu jistgħu** jipparteċipaw f'inizjattivi tal-Unjoni li jikkonċernaw l-edukazzjoni **fuq l-istess bażi taċ-ċittadini tal-Istati Membri**.

*Emenda*

2. L-Unjoni għandha tiżgura li l-persuni fiżiċi mill-PTEE, kif definiti fl-Artikolu 49, jipparteċipaw f'inizjattivi tal-Unjoni li jikkonċernaw l-edukazzjoni **u t-taħriġ professjonali u speċjalment fil-programm Erasmus għal Kulħadd**.

**Emenda 52**

**Proposta għal deċiżjoni**  
**Artikolu 32 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-Unjoni għandha tiżgura li l-korpi u l-istituti tal-edukazzjoni mill-PTEE jkunu jistgħu jieħdu sehem f'inizjattivi ta' kooperazzjoni tal-Unjoni relatati mal-edukazzjoni abbażi tal-istess korpi u *istituzzjonijiet* tal-edukazzjoni tal-Istati Membri.

*Emenda*

3. L-Unjoni għandha tiżgura li l-korpi u l-istituti tal-edukazzjoni **u tat-taħriġ professjonali** mill-PTEE jkunu jistgħu jieħdu sehem f'inizjattivi ta' kooperazzjoni tal-Unjoni relatati mal-edukazzjoni **u mat-taħriġ professjonali** abbażi tal-istess korpi u *istituti* tal-edukazzjoni **u tat-taħriġ professjonali** tal-Istati Membri.

**Emenda 53**

**Proposta għal deċiżjoni**  
**Artikolu 33 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-Unjoni u l-PTEE għandu jkollhom djalogu fil-qasam tal-impjegi u l-politika soċjali li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-PTEE u l-promozzjoni ta' xogħol deċenti fil-PTEE u fir-reġjuni fejn jinsabu. Dan id-djalogu għandu jkollu l-għan ukoll li jappoġġja l-isforzi tal-awtoritajiet tal-PTEE għall-iżvilupp ta' politiki u leġiżlazzjoni f'dan il-qasam.

*Emenda*

1. L-Unjoni u l-PTEE għandu jkollhom djalogu fil-qasam tal-impjegi u l-politika soċjali li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-PTEE u l-promozzjoni ta' xogħol deċenti **u l-inklużjoni soċjali f'ekonomija ekoloġika** fil-PTEE u fir-reġjuni fejn jinsabu. Dan id-djalogu għandu jkollu l-għan ukoll li jappoġġja l-isforzi tal-awtoritajiet tal-PTEE għall-iżvilupp ta' politiki u leġiżlazzjoni

f'dan il-qasam.

## Emenda 54

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 33 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. Fil-parti l-kbira tiegħu dan id-djalogu għandu jikkonsisti minn informazzjoni u l-aħjar Prattiki relatati mal-politiki u l-leġislazzjoni fil-qasam tal-impjiegi u l-politika soċjali li jkunu fl-interess reċiproku tal-Unjoni u tal-PTEE. F'dan ir-rigward, għandhom jiġu kkunsidrati oqsma bħall-iżvilupp tal-ħiliet, il-ħarsien soċjali, id-djalogu soċjali, l-opportunitajiet indaqs, in-nondiskriminazzjoni u l-aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà, is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol u standards tax-xogħol.

*Emenda*

2. Fil-parti l-kbira tiegħu dan id-djalogu għandu jikkonsisti minn informazzjoni u l-aħjar Prattiki relatati mal-politiki u l-leġislazzjoni fil-qasam tal-impjiegi u l-politika soċjali li jkunu fl-interess reċiproku tal-Unjoni u tal-PTEE. ***Għandu jitħeġġeġ il-ħolqien tal-impjiegi speċjalment fi ħdan l-SMEs permezz tal-promozzjoni ta' standards soċjali ambizzjużi. Id-djalogu għandu jħeġġeġ il-miżuri innovattivi kollha li jiproteġu l-ambjent u s-saħħa tal-ħaddiema u taċ-ċittadini, maħsuba biex jippermettu l-ħolqien tal-impjiegi fl-oqsma kollha fejn il-PTEE jkollhom vantaġġ bħal pereżempju l-bijodiversità, ir-riżorsi minerali, it-teknoloġiji ġodda u l-oqsma marbuta mat-titjib tal-aċċessibilità.*** F'dan ir-rigward, għandhom jiġu kkunsidrati oqsma ***bħall-ippjanar bil-quddiem tal-impjiegi u bħall-iżvilupp tal-ħiliet, it-taħriġ ta' ħaddiema kkwalifikati sabiex jissodisfaw l-esiġenzi tas-suq tax-xogħol, il-ħarsien soċjali, id-djalogu soċjali, l-opportunitajiet indaqs, in-nondiskriminazzjoni u l-aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà, is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol u standards tax-xogħol.***

## Emenda 55

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 33 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2a. L-Unjoni u l-PTEE għandhom jikkooperaw bil-għan li jiskambjaw l-***

*aħjar prattiki rigward politiki attivi fil-qasam tas-suq tax-xogħol, l-istandards tax-xogħol u l-protezzjoni soċjali biex id-drittijiet tal-ħaddiema jitħarsu.*

## **Emenda 56**

**Proposta għal deċiżjoni  
Artikolu 33 – paragrafu 2b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2b. L-Unjoni u l-PTEE għandhom jikkooperaw sabiex jagħtu bilanċ korrett bejn is-sigurtà u l-flessibilità fis-suq tax-xogħol permezz ta' implimentazzjoni komprensiva tal-prinċipji tal-flessigurtà, u biex tiġi ttrattata s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, billi jingħataw kemm kopertura adegwata tal-protezzjoni soċjali għal persuni f'perjodi ta' tranżizzjoni, jew b'kuntratti ta' impjieg temporanju jew part-time, kif ukoll aċċess għat-taħriġ, għall-opportunitajiet tal-iżvilupp tal-karriera u ta' xogħol full-time;***

## **Emenda 57**

**Proposta għal deċiżjoni  
Artikolu 33 – paragrafu 2d (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2d. Id-depopolazzjoni, inkluż l-"eżodu ta' mħuħ" u l-emigrazzjoni taż-żgħażaġħ minħabba x-xogħol, huma sfida għal ħafna PTEE u għal din ir-raġuni l-Unjoni u l-PTEE għandhom jikkooperaw biex jipproteġu d-drittijiet tal-ħaddiema migranti fis-suq tax-xogħol.***

## **Emenda 58**

**Proposta għal deċiżjoni  
Artikolu 33a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Artikolu 33a**

***Moviment liberu tal-ħaddiema***

***1. Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet li jirregolaw is-saħħa pubblika, is-sikurezza pubblika u l-ordni pubbliku, l-Istati Membri tal-Unjoni ma għandhomx jiddiskriminaw bi kwalunkwe mod kontra ħaddiema mill-PTEE fir-rigward tal-impjiegi, ir-rimunerazzjoni u l-kundizzjonijiet l-oħra ta' xogħol.***

***2. L-awtoritajiet tal-PTEE għandhom jitrattaw lill-ħaddiema tal-Istati Membri b'mod li ma jkunx anqas favorevoli mit-trattament li jagħtu lill-ċittadini ta' pajjiż terz u ma għandhomx jiddiskriminaw bejn ċittadini tal-Istati Membri. Madankollu, sabiex jippromwovu l-impjiegi lokali, l-awtoritajiet tal-PTEE jistgħu jistabbilixxu regolamenti favur il-ħaddiema lokali tagħhom. F'dan il-każ, l-awtoritajiet tal-PTEE għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bir-regolamenti li jadottaw sabiex hi tkun tista' tgħarraf lill-Istati Membri.***

***3. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għall-impjiegi fl-amministrazzjoni pubblika.***

***Ġustifikazzjoni***

*Id-deċiżjoni dwar l-assoċjazzjoni għandha tinkludi dispożizzjonijiet dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema bejn il-PTEE u l-Istati Membri tal-Unjoni.*

**Emenda 59**

**Proposta għal deċiżjoni  
Artikolu 33a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Artikolu 33 a**

***Djalogu soċjali u żvilupp tad-demokrazija***

*soċjali*

*Fil-qafas tal-assoċjazzjoni, il-promozzjoni tad-dialogu soċjali u tal-iżvilupp tad-demokrazija soċjali, tista' tiġi appoġġjata minn miżuri relatati b'mod speċjali ma':*

*– azzjonijiet li jfornu taħriġ għas-sħab soċjali,*

*– azzjonijiet li jippermettu l-komunikazzjoni u l-ħolqien tal-ispazji maħsuba għall-promozzjoni u l-iżvilupp tad-dialogu soċjali u d-demokrazija soċjali,*

*– azzjonijiet li jippermettu l-iskambju tal-aħjar Prattiki soċjali fil-livell reġjonali u lokali.*

**Emenda 60**

**Proposta għal deċiżjoni  
Artikolu 34 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) azzjonijiet li jsaħħu t-tħejjija u l-kapaċità ta' rispons kontra theddid transkonfinali fuq is-saħħa bħal mard li jittieħed li għandhom jiġu żviluppanti fuq strutturi eżistenti u li għandhom jittrattaw ċirkostanzi mhux normali;

**Emenda 61**

**Proposta għal deċiżjoni  
Artikolu 34 – punt aa (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*



## Emenda 62

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 34 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) bini ta' kapaċità permezz tat-tishiĥ ta' netwerks ta' saħħa pubblika fil-livell reġjonali, il-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni fost esperti u l-promozzjoni ta' taħriġ xieraq;

*Emenda*

(b) bini ta' kapaċità permezz tat-tishiĥ ta' netwerks ta' saħħa pubblika fil-livell reġjonali, il-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni fost esperti u l-promozzjoni ta' taħriġ xieraq **u l-introduzzjoni tat-telemediċina;**

## Emenda 63

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 34a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 34a*

#### *Saħħa u sikurezza fuq ix-xogħol*

*Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tas-saħħa u tas-sikurezza fuq ix-xogħol għandha timmira li ssaħħaħ il-kapaċitajiet tal-PTEE fil-prevenzjoni tal-mard u tal-inċidenti okkupazzjonali permezz ta' miżuri, fosthom:*

*– azzjonijiet li jippermettu t-twettiq ta' studji u l-iżvilupp ta' kompetenzi fil-qasam tas-saħħa u s-sikurezza fuq ix-xogħol rigward riskji speċifiċi għat-territorju kkonċernat,*

*– assistenza għall-modernizzazzjoni tar-regolamentazzjoni fil-qasam tas-saħħa u s-sikurezza fuq ix-xogħol,*

*– appoġġ tal-azzjonijiet għall-promozzjoni tal-prevenzjoni tar-riskji okkupazzjonali.*

## Emenda 64

**Proposta għal deċiżjoni**  
**Artikolu 38 – titolu**

*Test propost mill-Kummissjoni*

***Protezzjoni ta' siti ta' wirt kulturali u monumenti storiċi***

*Emenda*

***Wirt kulturali u monumenti storiċi***

**Emenda 65**

**Proposta għal deċiżjoni**  
**Artikolu 38 – frażi introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, *il-kooperazzjoni* fil-qasam tas-siti ta' wirt kulturali u monumenti storiċi għandha l-għan li tippromwovi skambji ta' għarfien espert u tal-aħjar Prattiki permezz ta:

*Emenda*

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, *il-kooperazzjoni* fil-qasam tas-siti ta' wirt kulturali u monumenti storiċi għandha l-għan li tippromwovi skambji ta' għarfien espert u tal-aħjar Prattiki ***kif ukoll il-valorizzazzjoni sostenibbli tas-siti*** permezz ta':

*Ġustifikazzjoni*

*Għandha titpoġġa enfasi fuq il-konsegwenzi ekonomiċi, speċjalment fil-qasam turistik, tal-użu sostenibbli tal-potenzjal tas-siti ta' wirt.*

**Emenda 66**

**Proposta għal deċiżjoni**  
**Artikolu 38 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Il-kooperazzjoni tista' wkoll timmira li ttejjeb l-għarfien, il-konservazzjoni u l-valorizzazzjoni tal-wirt kulturali materjali u immaterjali tal-PTEE.***

**Emenda 67**

**Proposta għal deċiżjoni**  
**Artikolu 44a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Artikolu 44a**

***Negozjar ta' ftehimiet kummerċjali ma' pajjiżi terzi***

***Meta tinnegozja ftehim kummerċjali ma' pajjiżi terzi, l-Unjoni għandha timpenja ruħha li ttipprova l-estensjoni tal-preferenzi tariffarji mogħtija lill-prodotti tal-Unjoni għall-prodotti li joriġinaw mill-PTEE.***

**Emenda 68**

**Proposta għal deċiżjoni  
Artikolu 54 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***3a. Meta l-ftehimiet kummerċjali li attwalment qegħdin jiġu nnegozjati ma' pajjiżi terzi jkollhom ir-riskju li jipperikolaw setturi kummerċjali tradizzjonali li huma karatteristiċi tal-PTEE, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjonijiet preliminari tal-impatt tal-konsegwenzi potenzjali skont il-kriterji definiti mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u min-Nazzjonijiet Uniti. Ladarba jitlestew, il-Kummissjoni għandha tgħaddi dawn il-valutazzjonijiet preliminari tal-impatt lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-awtoritajiet governattivi u lokali tal-PTEE qabel il-konklużjoni tal-ftehimiet internazzjonali kkonċernati.***

## Emenda 69

### Proposta għal deċiżjoni

#### Artikolu 57 – paragrafu 1 – punt b

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) il-faċilitazzjoni tat-tneħħija ta' ostakli fuq il-kummerċ jew l-investment fir-rigward ta' prodotti u servizzi ta' rilevanza partikolari għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, bħall-enerġija rinnovabbli sostenibbli u prodotti u servizzi b'użu enerġetiku effiċjenti, fosthom permezz tal-aħjar teknoloġiji li huma disponibbli u permezz tal-promozzjoni ta' standards li jirrispondu għall-ħtiġijiet ambjentali u ekonomiċi u jimminimizzaw l-ostakli tekniċi fuq il-kummerċ;

## Emenda 70

### Proposta għal deċiżjoni

#### Artikolu 57 – paragrafu 1 – punt c

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(c) il-promozzjoni tal-kummerċ ta' prodotti li jikkontribwixxu għall-kundizzjonijiet soċjali u għal prattiki tajbin mil-lat ambjentali, fosthom prodotti li jkunu suġġetti għal skemi volontarji ta' assigurazzjoni tas-sostenibbiltà bħall-kummerċ ġust u etiku, ekotikketti, u skemi ta' ċertifikazzjoni għal prodotti naturali bbażati fuq riżorsi;

## Emenda 71

### Proposta għal deċiżjoni

#### Artikolu 62

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tal-politika tal-

##### *Emenda*

(b) il-faċilitazzjoni tat-tneħħija ta' ostakli fuq il-kummerċ jew l-investment fir-rigward ta' prodotti u servizzi ta' rilevanza partikolari għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, bħall-enerġija rinnovabbli sostenibbli u prodotti u servizzi b'użu enerġetiku effiċjenti, fosthom permezz tal-aħjar teknoloġiji li huma disponibbli u permezz tal-promozzjoni ta' standards li jirrispondu għall-ħtiġijiet ambjentali, **soċjali** u ekonomiċi u jimminimizzaw l-ostakli tekniċi fuq il-kummerċ;

##### *Emenda*

(c) il-promozzjoni tal-kummerċ ta' prodotti li jikkontribwixxu għall-kundizzjonijiet soċjali u għal prattiki tajbin mil-lat ambjentali, fosthom prodotti li jkunu suġġetti għal skemi volontarji ta' assigurazzjoni tas-sostenibbiltà bħall-kummerċ ġust u etiku, ekotikketti, **tikketti soċjali** u skemi ta' ċertifikazzjoni għal prodotti naturali bbażati fuq riżorsi;

konsumatur, il-protezzjoni tas-saħħa tal-konsumatur u l-kummerċ tista' tinkludi t-tnejn ta' liġijiet u regolament fil-qasam tal-politika tal-konsumatur u tal-protezzjoni tas-saħħa tal-konsumatur, bil-għan li jiġu evitati ostakli żejda fuq il-kummerċ.

konsumatur, il-protezzjoni tas-saħħa tal-konsumatur u l-kummerċ tista' tinkludi ***l-possibilitajiet ta' rikonoxximent temporanju tar-regoli u l-proċeduri stabbiliti fil-PTEE*** u t-tnejn ta' liġijiet u regolament fil-qasam tal-politika tal-konsumatur u tal-protezzjoni tas-saħħa tal-konsumatur, bil-għan li jiġu evitati ostakli żejda fuq il-kummerċ.

## Emenda 72

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 68 – punt a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) it-tiżiż tal-kapaċitajiet tal-PTEE biex jiddefinixxu u jimplimentaw il-politiki meħtieġa għall-iżvilupp tal-kummerċ tagħhom tal-prodotti u tas-servizzi;

#### *Emenda*

(a) it-tiżiż tal-kapaċitajiet tal-PTEE biex jiddefinixxu u jimplimentaw il-politiki meħtieġa għall-iżvilupp tal-kummerċ tagħhom tal-prodotti u tas-servizzi ***speċjalment permezz tat-teknoloġiji l-ġodda tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni***;

## Emenda 73

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 68 – punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) l-inkoraġġiment tal-isforzi tal-PTEE biex idaħħlu fis-seħħ l-oqfsa legali, regolatorji u istituzzjonali xierqa kif ukoll il-proċeduri amministrattivi meħtieġa;

#### *Emenda*

(b) l-inkoraġġiment tal-isforzi tal-PTEE biex idaħħlu fis-seħħ l-oqfsa legali, regolatorji u istituzzjonali xierqa kif ukoll il-proċeduri amministrattivi meħtieġa, ***partikolarment biex jiffavorixxu t-titjib tal-istandards soċjali u joħlqu ambjent soċjali favorevoli għat-tkabbir***;

## Emenda 74

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 68 – punt d

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(d) il-faċilitazzjoni tal-iżvilupp tas-swieq u tal-prodotti, fosthom it-titjib tal-kwalità tal-prodotti;

#### *Emenda*

(d) il-faċilitazzjoni tal-iżvilupp **u tad-diversifikazzjoni** tas-swieq u tal-prodotti, fosthom it-titjib tal-kwalità tal-prodotti;

## Emenda 75

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 68 – punt e

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(e) jingħata kontribut għall-iżvilupp tar-riżorsi umani u tal-ħiliet professjonali rilevanti għall-kummerċ ta' prodotti u servizzi;

#### *Emenda*

(e) jingħata kontribut għall-iżvilupp tar-riżorsi umani u tal-ħiliet professjonali **billi jiġi offrut taħriġ xieraq** rilevanti għall-kummerċ ta' prodotti u servizzi;

## Emenda 76

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 68 – punt f

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(f) it-titjib tal-kapaċità ta' intermedjarji finanzjarji li jipprovdu lill-impriżi tal-PTEE bis-servizzi rilevanti għall-attivitajiet ta' esportazzjoni tagħhom, bħal intelligence *tas-swieq*;

#### *Emenda*

(f) it-titjib tal-kapaċità ta' intermedjarji finanzjarji li jipprovdu lill-impriżi tal-PTEE bis-servizzi rilevanti għall-attivitajiet ta' esportazzjoni tagħhom, bħal intelligence *dwar is-swieq, permezz ta' użu aktar effikaċi tat-teknoloġiji l-ġodda*;

## Emenda 77

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 79 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Unjoni għandha tappoġġja l-isforzi

#### *Emenda*

2. L-Unjoni għandha tappoġġja l-isforzi

tal-PTEE fl-iżvilupp ta' *dejta* statistika affidabbli dwar dawn l-oqsma.

tal-PTEE fl-iżvilupp ta' *data* statistika affidabbli dwar dawn l-oqsma. ***Għandha tappoġġja lill-PTEE fl-isforzi tagħhom biex itejbu l-komparabilità tal-indikaturi makroekonomiċi tagħhom, speċjalment permezz tal-kalkolu tal-paritajiet tal-kapaċità tal-akkwist.***

## Emenda 78

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 80 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Fuq l-inizjattiva tal-PTEE, jistgħu jsiru studji jew miżuri ta' għajjnuna teknika ffinanzjati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet skedati ***fid-dokumenti ta' pprogrammar***. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tiffinanzja dawn l-azzjonijiet jew permezz ta' għajjnuna programmabbli jew minn pakkett allokati għal miżuri ta' kooperazzjoni teknika.

#### *Emenda*

2. Fuq l-inizjattiva tal-PTEE, jistgħu jsiru studji jew miżuri ta' għajjnuna teknika ffinanzjati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet skedati ***fl-ambitu ta' din id-Deċiżjoni***. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tiffinanzja dawn l-azzjonijiet jew permezz ta' għajjnuna programmabbli jew minn pakkett allokati għal miżuri ta' kooperazzjoni teknika.

## Emenda 79

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 80 – paragrafu 2a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

***2a. Il-Kummissjoni għandha torganizza tal-anqas darba fis-sena, preferibbilment b'rabta mal-Forum UE-PTEE, laqgħa teknika tal-uffiċjali awtorizzanti reġjonali u l-uffiċjali awtorizzanti b'delega bil-għan li jissaħħaħ id-djalogu tekniku istituzzjonali u jiġu semplifikati l-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-fondi;***

## Emenda 80

**Proposta għal deċiżjoni**  
**Artikolu 82 – paragrafu 4 – subparagrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Il-Kummissjoni għandha tiżgura li r-regoli ta' programmazzjoni jqisu r-riżorsi umani u amministrattivi limitati tal-PTEE u r-rabtiet istituzzjonali tagħhom mal-Istat Membru li miegħu huma marbuta.***

**Emenda 81**

**Proposta għal deċiżjoni**  
**Artikolu 82 – paragrafu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

5. L-awtoritajiet tal-PTEE u l-Kummissjoni għandhom ikunu responsabbli b'mod konġunt mill-approvazzjoni tad-dokument ta' pprogrammar.

5. L-awtoritajiet tal-PTEE u l-Kummissjoni għandhom ikunu responsabbli b'mod konġunt mill-approvazzjoni tad-dokument ta' pprogrammar. ***F'dan ir-rigward, id-dokument ta' pprogrammar għandu jkun s-suġġett ta' skambji ta' opinjonijiet bejn il-PTEE, l-Istat Membru kkonċernat u l-Kummissjoni. Waqt l-iskambji, għandhom ikunu organizzati laqgħat tekniċi bejn l-uffiċjali awtorizzanti reġjonali u r-rappreżentanti kollha tas-servizzi tal-Kummissjoni, u tal-uffiċċji u d-delegazzjonijiet ikkonċernati mill-programmazzjoni, jekk ikun possibbli bħala estensjoni tal-forum ta' djalogu PTEE-UE.***

**Emenda 82**

**Proposta għal deċiżjoni**  
**Artikolu 83 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Il-Kummissjoni għandha timplimenta r-riżorsi tal-11-il FEŻ tal-PTEE fi kwalunkwe wieħed mill-modi stabbiliti fir-regolament finanzjarju tal-11-il FEŻ u

1. Il-Kummissjoni għandha timplimenta r-riżorsi tal-11-il FEŻ tal-PTEE fi kwalunkwe wieħed mill-modi stabbiliti fir-regolament finanzjarju tal-11-il FEŻ u



skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni u fil-miżuri li jimplimentaw dik id-Deċiżjoni. Għal dan il-għan, hija għandha tikkonkludi ftehimiet ta' finanzjament mal-awtoritajiet rilevanti tal-PTEE.

skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni u fil-miżuri li jimplimentaw dik id-Deċiżjoni. Għal dan il-għan, hija għandha tikkonkludi ftehimiet ta' finanzjament mal-awtoritajiet rilevanti tal-PTEE ***u għandha torganizza laqgħat tekniċi mal-uffiċjali awtorizzanti reġjonali u r-rappreżentanti kollha tas-servizzi tal-Kummissjoni, u tal-uffiċċji u d-delegazzjonijiet involuti fl-implimentazzjoni tal-programmazzjoni, jekk ikun possibbli bħala estensjoni tal-forum ta' djalogu PTEE-UE.***

### Emenda 83

#### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 84 – paragrafu 8

*Test propost mill-Kummissjoni*

8. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kumitat bis-segwitu, l-evalwazzjoni u *l-awditjar* tad-Dokument ta' pprogrammar.

*Emenda*

8. Il-Kummissjoni għandha tinforma ***simultanjament*** lill-Kumitat ***u lill-Parlament Ewropew*** bis-segwitu, l-evalwazzjoni u *l-awditjar* tad-Dokument ta' pprogrammar.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Il-Parlament Ewropew għandu jkun infurmat bid-deċiżjonijiet adottati mill-Kummissjoni Ewropea.*

### Emenda 84

#### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 88 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-PTEE ***għandu jkun eliġibbli wkoll għal*** appoġġ minn programmi tal-Unjoni għal kooperazzjoni ma' pajjiżi oħrajn, ***speċjalment il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, suġġett*** għar-regoli, għanijiet u arranġamenti ta' dawn il-programmi.

*Emenda*

2. Il-PTEE ***għandhom jibbenefikaw ukoll minn*** appoġġ minn programmi tal-Unjoni għal kooperazzjoni ma' pajjiżi oħrajn, ***suġġetti*** għar-regoli, għanijiet u arranġamenti ta' dawn il-programmi.

## Emenda 85

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 88 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. Bil-għan li tiġi żgurata parteċipazzjoni effettiva u effikaċi tal-PTEE fid-diversi programmi orizzontali tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi "strateġija PTEE" reali, billi toħloq f'kull Direttorat Ġenerali tagħha "uffiċjali tal-PTEE". Dawn l-"uffiċjali tal-PTEE" għandhom jipparteċipaw fit-tfassil tal-programmi ta' ħidma annwali għal kull programm, b'mod partikolari permezz ta' konsultazzjonijiet interservizzi, biex jiżguraw li l-bżonnijiet u l-ispeċifiċitajiet tal-PTEE jkunu meqjusa kif xieraq. Barra minn dan, il-Kummissjoni għandha tinnotifika mill-iktar fis possibbli lill-PTEE bil-pubblikazzjoni tas-sejħiet għal proposti fl-ambitu tad-diversi programmi orizzontali.**

## Emenda 86

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 89 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati li jikkumplementaw ir-regoli f'din id-Deċiżjoni fi żmien **12-il xahar** mid-dħul fis-seħħ tagħha, u li temenda l-Appendiċi tal-Anness VI għall-fini li tikkunsidra l-iżvilupp teknoloġiku u t-tibdil fil-leġislazzjoni doganali, f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 90.

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati li jikkumplementaw ir-regoli f'din id-Deċiżjoni fi żmien **sitt xhur** mid-dħul fis-seħħ tagħha, u li temenda l-Appendiċi tal-Anness VI għall-fini li tikkunsidra l-iżvilupp teknoloġiku u t-tibdil fil-leġislazzjoni doganali, f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 90.

## Emenda 87

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 90 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 89 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka ttemm id-delega tas-setgħat speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att iddelegat li jkun diġà fis-seħħ.

#### *Emenda*

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 89 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka ttemm id-delega tas-setgħat speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att iddelegat li jkun diġà fis-seħħ.

***Ladarba l-Kunsill jkun beda proċedura interna sabiex jiddeċiedi jekk id-delega tas-setgħa għandhiex tiġi rrevokata jew le, hu għandu jinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni fi żmien raġonevoli qabel ma jieħu d-deċiżjoni finali, billi jindika s-setgħat delegati li jistgħu jiġu rrevokati, kif ukoll ir-raġunijiet għal din ir-revoka.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Minkejja l-fatt li din hija deċiżjoni tal-Kunsill u allura l-PE ma għandux rwol ta' koleġiżlatur, il-PE għandu d-dritt li jiġi infurmat dwar l-adozzjoni ta' atti delegati mill-Kummissjoni, l-oġġezzjonijiet għal dawn l-atti fformulati mill-Kunsill jew dwar ir-revoka tad-delega deċiża mill-Kunsill.*

## Emenda 88

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 90 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Kunsill b'dan.

#### *Emenda*

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika ***simultanjament lill-Parlament Ewropew u***

lill-Kunsill b'dan.

*Ġustifikazzjoni*

*Minkejja l-fatt li din hija deċiżjoni tal-Kunsill u allura l-PE ma għandux rwol ta' koleġiżlatur, il-PE għandu d-dritt li jiġi infurmat dwar l-adozzjoni ta' atti delegati mill-Kummissjoni, l-oġġezzjonijiet għal dawn l-atti fformulati mill-Kunsill jew dwar ir-revoka tad-delega deċiża mill-Kunsill.*

**Emenda 89**

**Proposta għal deċiżjoni  
Artikolu 90 – paragrafu 5 – subparagrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Jekk ikun biħsiebu jqajjem xi oġġezzjonijiet, il-Kunsill għandu jinforma lill-Parlament Ewropew fi żmien raġonevoli qabel ma jieħu d-deċiżjoni finali, billi jindika l-att delegat li biħsiebu joġġezzjona għalih kif ukoll ir-raġunijiet possibbli tal-oġġezzjoni tiegħu.***

*Ġustifikazzjoni*

*Minkejja l-fatt li din hija deċiżjoni tal-Kunsill u allura l-PE ma għandux rwol ta' koleġiżlatur, il-PE għandu d-dritt li jiġi infurmat dwar l-adozzjoni ta' atti delegati mill-Kummissjoni, l-oġġezzjonijiet għal dawn l-atti fformulati mill-Kunsill jew dwar ir-revoka tad-delega deċiża mill-Kunsill.*

**Emenda 90**

**Proposta għal deċiżjoni  
Artikolu 90a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Artikolu 90a***

***Proċedura ta' urġenza***

***1. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni b'konformità mal-paragrafu 2.***

***In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tiddikjara r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.***

***2. Il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat b'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 90(5). F'tali każ, il-Kummissjoni għandha tirrevoka l-att bla dewmien wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Kunsill.***

## **Emenda 91**

### **Proposta għal deċiżjoni**

#### **Artikolu 91 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi skont it-Trattat, għandu jiddeċiedi dwar kwalunkwe aġġustament meħtieġ għal din id-Deċiżjoni meta:

##### *Emenda*

Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi skont it-Trattat, għandu jiddeċiedi, **wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew**, dwar kwalunkwe aġġustament meħtieġ għal din id-Deċiżjoni meta:

##### *Ġustifikazzjoni*

*Skont l-Artikolu 203 tat-TFUE, il-Parlament Ewropew għandu jiġi kkonsultat.*

## **Emenda 92**

### **Proposta għal deċiżjoni**

#### **Anness I**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### **LISTA TA' PTEE IŻOLATI**

- Il-Gżejjer Falkland
- Sant'Elena, Ascension, Tristan da Cunha
- St Pierre u Miquelon

##### *Emenda*

##### **LISTA TA' PTEE IŻOLATI**

- Il-Gżejjer Falkland
- Sant'Elena, Ascension, Tristan da Cunha
- St Pierre u Miquelon
- **Wallis u Futuna**

## Emenda 93

### Proposta għal deċiżjoni ANNEX II – Artikolu 1 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Għall-finijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni, għall-perjodu ta' seba' snin mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020, l-ammont globali ta' assistenza finanzjarja tal-UE **[EUR 343.4 miljun]** taħt il-11-il FEŻ stabbilit bil-Ftehim Intern li jistabbilixxi l-11-il FEŻ għandu jiġi allokati kif ġej:

- (a) **EUR [330.4 miljun]** fil-forma ta' għotjiet għal appoġġ programmabbli għal żvilupp fit-tul, għajnuna umanitarja, għajnuna ta' emerġenza, għajnuna lir-refuġjati u appoġġ addizzjonali fil-każ ta' fluttwazzjonijiet fil-qligħ mill-esportazzjoni kif ukoll għal appoġġ għal kooperazzjoni u integrazzjoni reġjonali;
- (b) EUR [5 miljuni] għall-finanzjament tas-sussidji tal-imgħax u l-assistenza teknika fil-kuntest tal-Faċilità ta' Investiment tal-PTEE imsemmija fl-Anness IV;
- (c) **EUR [8 miljuni]** għal studji jew assistenza teknika skont l-Artikolu 79 ta' din id-Deċiżjoni, u evalwazzjoni globali tad-Deċiżjoni li trid issir sa mhux aktar tard minn erba' snin qabel ma tiskadi.

#### *Emenda*

1. Għall-finijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni, għall-perjodu ta' seba' snin mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020, l-ammont globali ta' assistenza finanzjarja tal-UE **[EUR 360.57 miljun]** taħt il-11-il FEŻ stabbilit bil-Ftehim Intern li jistabbilixxi l-11-il FEŻ għandu jiġi allokati kif ġej:

- (a) **EUR [345.57 miljun]** fil-forma ta' għotjiet għal appoġġ programmabbli għal żvilupp fit-tul, għajnuna umanitarja, għajnuna ta' emerġenza, għajnuna lir-refuġjati u appoġġ addizzjonali fil-każ ta' fluttwazzjonijiet fil-qligħ mill-esportazzjoni kif ukoll għal appoġġ għal kooperazzjoni u integrazzjoni reġjonali;
- (b) EUR [5 miljun] għall-finanzjament tas-sussidji tal-imgħax u l-assistenza teknika fil-kuntest tal-Faċilità ta' Investiment tal-PTEE imsemmija fl-Anness IV;
- (c) **EUR [10 miljun]** għal studji jew assistenza teknika skont l-Artikolu 79 ta' din id-Deċiżjoni, u evalwazzjoni globali tad-Deċiżjoni li trid issir sa mhux aktar tard minn erba' snin qabel ma tiskadi.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Konformement mal-mandat tal-Parlament fir-rigward tal-qafas finanzjarju, hija mitluba żieda ta' 5 % fil-finanzjament kumplessiv tal-FEŻ. Ir-rapporteur jipproponi li għandhom jiġu allokati EUR 2 miljun supplementari għall-assistenza teknika fid-dawl tad-diversi arranġamenti proposti f'dan ir-rapport.*

## **Emenda 94**

### **Proposta għal deċiżjoni ANNEX II – Artikolu 3 – frażi introduttorja**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-ammont ta' **EUR [330.4] miljun** msemmi fl-Artikolu 1(1)(a) għandu jkun allokati fuq il-bażi tal-ħtiġijiet u l-prestazzjoni tal-PTEE skont il-kriterji li ġejjin:

#### *Emenda*

L-ammont ta' **EUR [345.57] miljun** msemmi fl-Artikolu 1(1)(a) għandu jkun allokati fuq il-bażi tal-ħtiġijiet u l-prestazzjoni tal-PTEE skont il-kriterji li ġejjin:

## **Emenda 95**

### **Proposta għal deċiżjoni ANNEX II – Artikolu 3 – paragrafu 2**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

**EUR [105 miljuni]** għandhom jiġu allokati għall-appoġġ tal-kooperazzjoni u l-integrazzjoni reġjonali skont l-Artikolu 7 ta' din id-Deċiżjoni, partikolarment dwar il-prijoritajiet u oqsma ta' interessi reċiproċi msemmija fl-Artikolu 5 u permezz ta' konsultazzjoni permezz ta' okkorrenzi ta' sħubija bejn l-UE u l-PTEE imsemmija fl-Artikolu 13. Din għandha ttipprova tikseb koordinazzjoni ma' strumenti finanzjarji oħrajn tal-Unjoni, kooperazzjoni bejn il-PTEE u r-reġjuni ultraperiferiċi msemmija fl-Artikolu 349 tat-Trattat.

#### *Emenda*

**EUR [120.17 miljun]** għandhom jiġu allokati għall-appoġġ tal-kooperazzjoni u l-integrazzjoni reġjonali skont l-Artikolu 7 ta' din id-Deċiżjoni, partikolarment dwar il-prijoritajiet u oqsma ta' interessi reċiproċi msemmija fl-Artikolu 5 u permezz ta' konsultazzjoni permezz ta' okkorrenzi ta' sħubija bejn l-UE u l-PTEE imsemmija fl-Artikolu 13. Din għandha ttipprova tikseb koordinazzjoni ma' strumenti finanzjarji oħrajn tal-Unjoni, kooperazzjoni bejn il-PTEE u r-reġjuni ultraperiferiċi msemmija fl-Artikolu 349 tat-Trattat.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Ir-rapporteur jixtieq żieda tal-allokazzjoni fil-kontinwità tar-rivalutazzjoni tal-allokazzjoni reġjonali li diġà qed tiġi implimentata għall-perjodu 2014-2020.*

## Emenda 96

### Proposta għal deċiżjoni

#### ANNEX VI – Artikolu 3 – paragrafu 1 - punt (g)

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(g) prodotti tal-akkwakultura, fejn il-ħut, il-krustaċji u l-molluski **jitwiieldu u** jitrabbew hemmhekk;

##### *Emenda*

(g) prodotti tal-akkwakultura, fejn il-ħut, il-krustaċji u l-molluski jitrabbew hemmhekk;

##### *Ġustifikazzjoni*

*Minħabba l-karatteristiċi tas-settur tal-akkwakultura tal-PTEE, jidher li hu importanti li tingħata l-possibilità li jinkisbu prodotti li joriġinaw minn bajd u frieħ ċkejknin tal-frott tal-baħar minn pajjiżi terzi. Dan huwa settur emerġenti fil-PTEE u jiddependi fuq il-kapaċitajiet tiegħu ta' sorsi ta' provvista esterni. Barra minn hekk, minħabba l-perikli klimatiki frekwenti f'dawn iż-żoni ta' produzzjoni, din il-possibilità hija neċessarja sabiex ikunu jistgħu jiġu żgurati l-istabilità u l-eżistenza kontinwa tas-settur.*

## Emenda 97

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness VI – Artikolu 10 – paragrafu 6

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

6. Il-Kummissjoni għandha tadotta miżura li tagħti l-kumulu msemmi fil-paragrafu 1 **permezz tal-atti implimentattivi. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura tal-eżami msemmija fl-Artikolu 64(2).**

##### *Emenda*

6. Il-Kummissjoni għandha **jkollha s-setgħa** tadotta **atti delegati skont l-Artikolu 90 dwar** miżura li tagħti l-kumulu msemmi fil-paragrafu 1.

## Emenda 98

### Proposta għal deċiżjoni

#### ANNEX VI – Artikolu 16 – paragrafu 6a (ġdid)

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

**6a. Id-derogi għandhom jingħataw lill-PTEE fir-rigward tal-prodotti tas-sajd fi ħdan il-limitu ta' kwota annwali ta' 2 500 tonnellata għall-prodotti tas-sajd li jidħlu fil-kodiċijiet NM 030471, 030483,**



030532, 030562, 030614, 0307299010 u 160510.

**L-applikazzjonijiet għal tali deroga għandhom jitressqu minn PTEE jew Stat Membru, skont il-kwota msemija hawn fuq, lill-Kumitat li għandu jagħti d-derogi b'mod awtomatiku u japplikahom permezz ta' deċiżjoni.**

### Ġustifikazzjoni

*Minħabba l-kuntest tad-deroga (linji tariffarji u volumi), id-dispożizzjoni ma tirriskjax li tiddestabilizza l-ekwilibriju tas-suq Ewropew.*

*Il-lista tinkludi l-prodotti li jesiġu deroga awtomatika: fletti tal-merluzz iffriżati; merluzz immellaħ u mqadded, iżda mhux affumikat; merluzz immellaħ iżda la mqadded u lanqas affumikat; fletti tal-ħalibatt iffriżati, lingwata, barbun tat-tbajja'; granċ; laħam ta' pellegrini ffriżat.*

### Emenda 99

#### Proposta għal deċiżjoni Anness VI – Artikolu 16 – paragrafu 8

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

8. Il-Kummissjoni tadotta miżura li tagħti d-deroga temporanja msemija fil-paragrafu 1 **permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 64(2).**

##### *Emenda*

8. Il-Kummissjoni **għandha jkollha s-setgħa** tadotta **atti delegati skont l-Artikolu 90 dwar** miżura li tagħti d-deroga temporanja msemija fil-paragrafu 1.

### Emenda 100

#### Proposta għal deċiżjoni Anness VI – Artikolu 63 – paragrafu 3

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-Kummissjoni tadotta miżura li tagħti d-deroga temporanja msemija fil-paragrafu 1 **permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni jiġu adottati skont il-**

##### *Emenda*

3. Il-Kummissjoni **għandha jkollha s-setgħa** tadotta **atti delegati skont l-Artikolu 90 dwar** miżura li tagħti d-deroga temporanja msemija fil-paragrafu 1.

*proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 64(2).*

## **Emenda 101**

### **Proposta għal deċiżjoni Anness VI – Artikolu 64**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### **Proċeduri tal-Kumitat**

#### **imħassar**

**1. Il-Kummissjoni tkun assistita mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali, stabbilit bl-Artikolu 247a tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.**

**2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.**

## **Emenda 102**

### **Proposta għal deċiżjoni Anness VII – Artikolu 2 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Il-Kummissjoni tista' tissospendi temporanjament l-arranġamenti preferenzjali previsti f'din id-Deċiżjoni, fir-rigward tal-prodotti kollha jew ta' ċerti prodotti li joriġinaw f'pajjiż benefiċjarju, fejn tikkunsidra li jkun hemm biżżejjed evidenza biex ikun iġġustifikat irtirar temporanju għar-raġunijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 1 ta' dan l-Anness, sakemm l-ewwel tkun:

**(a) ikkonsultat mal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 10 tal-Anness VIII b'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 3 paragrafu 2;**

**(b) appellat lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri ta' prekawzjoni kif inhu meħtieġ, biex jiġu ssalvagwardati l-interessi**

1. Il-Kummissjoni tista' tissospendi temporanjament l-arranġamenti preferenzjali previsti f'din id-Deċiżjoni, **permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 90**, fir-rigward tal-prodotti kollha jew ta' ċerti prodotti li joriġinaw f'pajjiż benefiċjarju, fejn tikkunsidra li jkun hemm biżżejjed evidenza biex ikun iġġustifikat irtirar temporanju għar-raġunijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 1 ta' dan l-Anness, sakemm l-ewwel tkun:

**(a) appellat lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri ta' prekawzjoni kif inhu meħtieġ, biex jiġu ssalvagwardati l-interessi**

finanzjarji tal-Unjoni u/jew tiġi żgurata konformità mill-pajjiż benefiċjarju mal-obbligi tiegħu; u

(c) ippubblikat avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea li jiddikjara li jeżistu raġunijiet għal dubji raġjonevoli dwar l-applikazzjoni tal-arranġamenti preferenzjali u/jew dwar il-konformità mill-pajjiż benefiċjarju mal-obbligi tiegħu, li jistgħu jixħtu dubju fuq id-dritt tiegħu li jkompli jgawdi mill-benefiċċji mogħtija permezz ta' din id-Deċiżjoni.

Il-Kummissjoni tinforma lill-PTEE kkonċernat(i) bi kwalunkwe deċiżjoni meħuda skont dan il-paragrafu, qabel ma din ikollha effett. ***Il-Kummissjoni tinnotifika wkoll lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 10 tal-Anness VIII.***

## **Emenda 103**

### **Proposta għal deċiżjoni Anness VII – Artikolu 2 – paragrafu 2**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-perjodu ta' rtirar temporanju ma jaqbiżx is-sitt xhur. Fil-konklużjoni tal-perjodu, il-Kummissjoni tiddeċiedi li tittermina l-irtirar temporanju ***wara li tinforma lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 10 tal-Anness VIII*** jew li testendi l-perjodu tal-irtirar temporanju skont il-proċedura msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

## **Emenda 104**

### **Proposta għal deċiżjoni Anness VII – Artikolu 3**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

***Il-proċedura tal-kumitat***

finanzjarji tal-Unjoni u/jew tiġi żgurata konformità mill-pajjiż benefiċjarju mal-obbligi tiegħu; u

(b) ippubblikat avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea li jiddikjara li jeżistu raġunijiet għal dubji raġjonevoli dwar l-applikazzjoni tal-arranġamenti preferenzjali u/jew dwar il-konformità mill-pajjiż benefiċjarju mal-obbligi tiegħu, li jistgħu jixħtu dubju fuq id-dritt tiegħu li jkompli jgawdi mill-benefiċċji mogħtija permezz ta' din id-Deċiżjoni.

Il-Kummissjoni tinforma lill-PTEE kkonċernat(i) bi kwalunkwe deċiżjoni meħuda skont dan il-paragrafu, qabel ma din ikollha effett.

#### *Emenda*

2. Il-perjodu ta' rtirar temporanju ma jaqbiżx is-sitt xhur. Fil-konklużjoni tal-perjodu, il-Kummissjoni tiddeċiedi li tittermina l-irtirar temporanju jew li testendi l-perjodu tal-irtirar temporanju skont il-proċedura msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

#### *Emenda*

***imħassar***

**1. Għall-fini tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 2, il-Kummissjoni tkun assistita mill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 10 tal-Anness VIII.**

**2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.**

#### **Emenda 105**

##### **Proposta għal deċiżjoni Anness VIII – Artikolu 5 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-miżuri ta' sorveljanza preventiva jiġu adottati mill-Kummissjoni f'konformità mal-proċedura **konsultattiva** msemmija fl-Artikolu 6 ta' dan l-Anness.

*Emenda*

2. Il-miżuri ta' sorveljanza preventiva jiġu adottati mill-Kummissjoni f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 6 ta' dan l-Anness.

#### **Emenda 106**

##### **Proposta għal deċiżjoni Anness VIII – Artikolu 6 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Jistgħu jiġu imposti miżuri *provviżorji* minħabba raġunijiet debitament ġustifikati ta' urġenza marbuta mad-deterjorament tas-sitwazzjoni ekonomika u/jew finanzjarja tal-proċeduri tal-Unjoni li jkun diffiċli biex jiġrangaw. It-tul ta' żmien tal-miżuri provviżorji ma jkunx jaqbeż il-200 jum. Il-miżuri *provviżorji* jiġu adottati mill-Kummissjoni **f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 10 ta' dan l-Anness**. F'każijiet fejn ikun hem raġunijiet imperattivi ta' urġenza, il-Kummissjoni tadotta hešrem miżuri *provviżorji* xierqa ta' salvagwardja skont **il-proċedura msemmija fl-Artikolu 10 ta' dan l-Anness**.

*Emenda*

1. Jistgħu jiġu imposti miżuri *provviżorji* minħabba raġunijiet debitament ġustifikati ta' urġenza marbuta mad-deterjorament tas-sitwazzjoni ekonomika u/jew finanzjarja tal-proċeduri tal-Unjoni li jkun diffiċli biex jiġrangaw. It-tul ta' żmien tal-miżuri provviżorji ma jkunx jaqbeż il-200 jum. Il-miżuri *provviżorji* jiġu adottati mill-Kummissjoni **permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 90**. F'każijiet fejn ikun hem raġunijiet imperattivi ta' urġenza, il-Kummissjoni tadotta hešrem miżuri *provviżorji* xierqa ta' salvagwardja **permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 90a**.

## Emenda 107

### Proposta għal deċiżjoni Anness VIII – Artikolu 7 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Fejn il-fatti kif finalment stabbiliti juru li l-kondizzjonijiet indikati fl-Artikolu 2 ta' dan l-Anness ma jkunux issodisfatti, il-Kummissjoni tadotta deċiżjoni li ttejjem l-investigazzjoni ***u l-proċediment skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 4 ta' dan l-Anness***. Il-Kummissjoni tippubblika, waqt li tqis kif dovut il-protezzjoni tat-tagħrif kunfidenzjali fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 9 ta' dan l-Anness, rapport fejn tippreżenta s-sejbiet tagħha u l-konklużjonijiet motivati li tkun waslet għalihom dwar kull konsiderazzjoni rilevanti ta' fatt u ta' liġi.

## Emenda 108

### Proposta għal deċiżjoni Anness VIII – Artikolu 7 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Meta l-fatti kif finalment stabbiliti juru li ċ-ċirkostanzi stipulati fl-Artikolu 2 ta' dan l-Anness huma ssodisfatti, il-Kummissjoni tadotta deċiżjoni biex jiġu imposti miżuri ta' salvagwardja definittivi f'konformità ***mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 4***. Il-Kummissjoni tagħmel pubbliku, bir-rigward dovut għall-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali skont it-tifsira tal-Artikolu 9 ta' dan l-Anness, rapport b'sommarju tal-fatti materjali u l-konsiderazzjoni rilevanti għad-determinazzjoni, u tinnotifika lill-awtoritajiet tal-PTEE immedjatament bid-deċiżjoni biex jieħdu l-miżuri ta' salvagwardja.

#### *Emenda*

1. Fejn il-fatti kif finalment stabbiliti juru li l-kondizzjonijiet indikati fl-Artikolu 2 ta' dan l-Anness ma jkunux issodisfatti, il-Kummissjoni tadotta deċiżjoni li ttejjem l-investigazzjoni. Il-Kummissjoni tippubblika, waqt li tqis kif dovut il-protezzjoni tat-tagħrif kunfidenzjali fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 9 ta' dan l-Anness, rapport fejn tippreżenta s-sejbiet tagħha u l-konklużjonijiet motivati li tkun waslet għalihom dwar kull konsiderazzjoni rilevanti ta' fatt u ta' liġi.

#### *Emenda*

2. Meta l-fatti kif finalment stabbiliti juru li ċ-ċirkostanzi stipulati fl-Artikolu 2 ta' dan l-Anness huma ssodisfatti, il-Kummissjoni tadotta deċiżjoni biex jiġu imposti miżuri ta' salvagwardja definittivi ***permezz ta' atti delegati*** f'konformità ***mal-Artikolu 90***. Il-Kummissjoni tagħmel pubbliku, bir-rigward dovut għall-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali skont it-tifsira tal-Artikolu 9 ta' dan l-Anness, rapport b'sommarju tal-fatti materjali u l-konsiderazzjoni rilevanti għad-determinazzjoni, u tinnotifika lill-awtoritajiet tal-PTEE immedjatament bid-deċiżjoni biex jieħdu l-miżuri ta' salvagwardja.

**Proposta għal deċiżjoni  
Anness VIII – Artikolu 10**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Il-proċedura tal-kumitat***

***imħassar***

- 1. Il-Kummissjoni tiġi megħjuna minn Kumitat stabbilit bl-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 260/2009 tas-26 ta' Frar 2009 dwar ir-regoli komuni tal-importazzjoni. Dak il-Kumitat ikun Kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.***
- 2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.***
- 3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.***
- 4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu.***

## NOTA SPJEGATTIVA

Il-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej (PTEE) huma assi sinifikanti għall-Ewropa billi huma postijiet imbiegħda strateġiċi u jippromwovu l-istandards u l-valuri tagħha. Huma ġew mistiedna jipparteċipaw fir-rwol li l-Ewropa jixtieq ikollha fil-livell dinji. Peress li jinsabu fl-Oċean Indjan, il-Karibew, l-Atlantiku jew fil-Paċifiku, huma jiffaċċjaw b'mod dirett l-isfidi l-ġodda li l-Ewropa nnifisha teħtieġ tiffaċċja, bħal pereżempju l-globalizzazzjoni tal-kummerċ, it-theddid ambjentali ġdid u r-riskji marbuta mal-bidla fil-klima. Għalhekk l-iżvilupp sostenibbli tagħhom huwa neċessarju. Permezz tal-assi naturali tagħhom u l-opportunitajiet ta' azzjoni li jipprovdu, il-PTEE jistgħu jsiru komponenti essenzjali fl-istrateġiji tal-Unjoni Ewropea u kontributuri innovattivi fil-qafas tan-negożjati internazzjonali.

Id-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Extra-Ewropea (OAD) attwali tal-2001 li tgħaqqad lill-PTEE u lill-Unjoni Ewropea tiddefinixxi l-qafas ġuridiku tal-promozzjoni tal-iżvilupp soċjali u ekonomiku tal-PTEE u tar-relazzjonijiet ekonomiċi tagħhom mal-UE. Din id-deċiżjoni se tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2013.

Il-proċess ta' reviżjoni tal-OAD għall-perjodu 2014-2020 tnieda fl-2008 permezz ta' konsultazzjoni pubblika dwar il-Green Paper bit-titolu "Ir-relazzjonijiet futuri bejn l-UE u l-Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej". Din ir-riflessjoni kienet segwita mill-komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu "Elementi għal sħubija ġdida bejn l-UE u l-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej" fl-2009 u l-firma ta' dokument ta' pożizzjoni komuni tal-Istati Membri-PTEE fit-28 ta' Frar 2011 f'Noumea fl-okkażjoni tad-9 Forum annwali tal-UE-PTEE.

It-tiġdid tal-qafas ta' assoċjazzjoni huwa essenzjali għall-PTEE. Għalhekk, ir-rapporteur jilqa' b'mod pożittiv il-proposta għal deċiżjoni ġdida ta' assoċjazzjoni li tgħaqqad lill-PTEE mal-UE adottata fis-16 ta' Lulju 2012 mill-Kulleġġ tal-Kummissarji u jixtieq jirringrazzja lill-Kummissjoni għall-ħidma ta' kwalità kbira li wettqet.

Il-proposta għal OAD ippreżentata lill-Istati Membri tirrifletti sew il-pożizzjonijiet espressi mill-Kummissjoni fil-Green Paper tal-2008 u l-komunikazzjoni tal-2009. Il-qafas aġġornat jagħti risposta kumplessiva tajba lill-punti ewlenin enfasizzati fid-dokument ta' pożizzjoni konġunta ta' Frar 2011. Madankollu, ir-rapporteur jixtieq jenfasizza ċerti punti essenzjali bil-għan li jiggwarantixxi li l-qafas il-ġdid ikunu orjentat lejn il-futur b'mod determinat.

### **Dispożizzjonijiet ġenerali tal-assoċjazzjoni u objettivi tal-kooperazzjoni**

L-objettivi l-ġodda tal-OAD jaqblu mal-prijoritajiet ta' żvilupp tal-PTEE u mal-isfidi speċifiċi li jaffrontaw, kif identifikat mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha tal-2009:

1. it-titjib tal-kompetittività tal-PTEE,
2. it-tiħiħ tal-kapaċità ta' rkupru tal-PTEE,
3. it-tnaqqis tal-vulnerabbiltà tal-PTEE,
4. il-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn il-PTEE u sħab oħra.

Madankollu, ir-rapporteur jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni dwar l-ewwel objettiv iddedikat għat-titjib tal-kompetittività. Il-proposta għal OAD tipprevedi ftit wisq gwida għall-

implimentazzjoni ta' dan l-objettiv. Ir-rapporteur jipproponi li sabiex jiġu sfruttati bis-sħiħ il-preferenzi kummerċjali mogħtija lill-PTEE, ikun xieraq li jiġu introdotti miżuri li jikkompensaw għal ċerti żvantaġġi kompetittivi speċifiċi. Peress li l-kompetittività tal-PTEE ma tistax tkun ibbażata fuq spejjeż baxxi, l-innovazzjoni u l-impreditorija huma essenzjali biex jirbħu l-isfidi li jiffaċċjaw. Fil-qafas tal-istrateġiji tagħhom ta' innovazzjoni, l-UE tista' tappoġġa l-iżvilupp ta' swieq speċjalizzati u ta' prodotti u servizzi ta' valur miżjud, u ttejjeb il-promozzjoni tal-immaġni tal-prodotti speċifiċi tal-PTEE billi tappoġġa l-promozzjoni u l-ittikkettar ta' dawn il-prodotti.

Barra minn hekk, l-oqsma ta' kooperazzjoni għal żvilupp sostenibbli jistgħu jinkludu l-kompetittività u jagħmlu referenza għall-programmi Komunitarji dwar l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-impriżi. It-tieni parti tal-proposta għal OAD tista' b'hekk tinkludi dispożizzjonijiet li għandhom l-għan li jtejjbu l-parteċipazzjoni tal-PTEE għal dawn il-programmi, jiżviluppaw punti ta' kuntatt għal informazzjoni lokali u jiffaċilitaw l-adeżjoni tal-PTEE ma' netwerks bħal pereżempju n-netwerk Europe Enterprise (Enterprise Europe Network, EEN).

### **Oqsma ta' kooperazzjoni**

L-oqsma ta' kooperazzjoni jikkorrispondu, b'mod ġenerali, għall-objettivi l-kbar stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-proposta għal OAD.

Ir-rapporteur jissuġġerixxi li titpoġġa enfasi fuq it-turiżmu, l-agrikoltura u t-trasport sostenibbli f'dan il-kapitolu.

### **Kwistjonijiet kummerċjali**

Il-politika kummerċjali tal-Unjoni wasslet għal tnaqqis progressiv tal-preferenzi tariffarji tal-PTEE li jpoġġihom f'kompetizzjoni diretta mal-pajjiżi terzi li l-ispejjeż ta' produzzjoni tagħhom huma ftit. Waħda mill-isfidi tar-relazzjonijiet futuri tal-UE/PTEE hija għalhekk il-ħtieġa li terġa' tiġi definita strateġija Ewropea differenzjata favur il-PTEE sabiex tissaħħaħ il-kompetittività tagħhom.

Dan speċjalment japplika għar-regoli ta' oriġini li jidhru stretti wisq għall-mikroekonomiji tal-PTEE. F'dan il-kuntest ta' iżolament ekonomiku, id-deċiżjoni ta' assoċjazzjoni extra-Ewropea tista' tipprevedi arranġamenti aktar flessibbli maħsuba biex isaħħu l-attivitajiet tas-setturi ekonomiċi kkonċernati, speċjalment dak tas-sajd. Dan is-settur tradizzjonali jagħti struttura lill-identità tat-territorji u jappoġġa d-dinamiżmu tal-attivitajiet ekonomiċi komplementari bħat-turiżmu. Huwa għalhekk importanti li l-OAD tagħti deroga għar-regoli ta' oriġini mogħtija mid-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li tippermetti deroga mogħtija awtomatikament, b'limitu ta' kwota annwali u produzzjonijiet speċifiċi.

### **Semplifikazzjoni tal-programmazzjoni**

Is-semplifikazzjoni tal-proċeduri hija essenzjali għall-implimentazzjoni effikaċi tal-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ).

Ir-rapporteur itenni x-xewqa tiegħu għal strument finanzjarju semplifikat u aktar flessibbli, b'kunsiderazzjoni partikolari tal-kapaċitajiet amministrattivi u baġitarji limitati tal-PTEE. Ir-



rabtiet istituzzjonali bejn il-PTEE u l-Istati Membri li huma marbutin magħhom kif ukoll l-eżistenza ta' regoli ta' ġestjoni pubblika stretti jiggwarantixxu salvagwardji tal-użu tal-FEŻ mill-PTEE.

Ikun xieraq ukoll li l-OAD tenfasizza l-ħtieġa li jiġu semplifikati r-regoli sabiex tiġi faċilitata l-implimentazzjoni tal-11-il FEŻ u li d-dispożizzjonijiet tar-regolament li japplika l-OAD għandhom jinkorporaw dawn ir-regoli semplifikati.

Barra minn hekk, fuq l-eżempju tal-laqgħat tal-awtoritajiet ta' ġestjoni fi Brussell għall-fondi strutturali, għandha tiġi organizzata laqgħa teknika tal-organizzaturi territorjali u d-delegati, darba jew darbtejn fis-sena, mal-Kummissjoni, sabiex ikunu semplifikati l-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-fondi u biex jiġi faċilitat id-djalogu.

### **Kooperazzjoni u programmazzjoni reġjonali**

Il-kooperazzjoni reġjonali, li hija r-raba' objettiv ta' dan il-qafas futur ta' assoċjazzjoni, għandha post ċentrali. Ikun għalhekk xieraq li l-implimentazzjoni tagħha tkun iffaċilitata permezz ta' semplifikazzjoni tal-proċeduri tal-11-il FEŻ.

Fil-każ tal-kooperazzjoni mar-reġjuni ultraperiferiċi u l-Istati ġirien tal-PTEE, AKP u mhux AKP, il-proposta leġiżlattiva tipprevedi li "l-Unjoni għandha ttejjeb il-koordinazzjoni u s-sinerġiji bejn il-programmi ta' kooperazzjoni appoġġati minn strumenti finanzjarji differenti tal-UE" (Artikolu 7). Ikun għalhekk xieraq li jiġi żgurat li sseħħ il-programmazzjoni tal-proġetti komuni li jgħaqqdu l-AKP, il-PTEE u r-reġjuni ultraperiferiċi.

Il-proġetti reġjonali komuni bejn il-PTEE, ir-reġjuni ultraperiferiċi u l-pajjiżi AKP, jew mhux AKP, jistgħu jseħħu jekk id-djalogu bejn l-atturi tal-programmazzjoni ikun iffaċilitat u jekk il-modalitajiet tal-programmazzjonijiet bejn l-istrumenti differenti tal-għajnuna jkunu kompatibbli.

Ir-rapporteur itenni l-appell tal-Parlament rigward l-ibbaġitjar tal-FEŻ u jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tfassal programm ta' ħidma bl-għan li tikseb dan l-objettiv marbut mal-qafas finanzjarju għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, speċjalment rigward il-possibilità ta' kooperazzjoni bejn il-PTEE, ir-reġjuni ultraperiferiċi u l-AKP.

### **Eliġibilità għall-programmi orizzontali**

Sa mir-reviżjoni tad-deċiżjoni ta' assoċjazzjoni tal-2007, il-PTEE għandhom, fit-teorija, aċċess għall-programmi settorjali Ewropej "orizzontali" sa mill-1 ta' Jannar 2007. Dawn il-programmi, fil-qasam tal-edukazzjoni, l-ambjent jew ir-riċerka u l-iżvilupp, huma mezz essenzjali għall-iżvilupp tal-PTEE u t-tiżiħ tal-viżibilità tal-UE fil-PTEE. Ir-rapporteur jilqa' b'mod pożittiv ħafna l-proposta għal OAD u l-Artikoli 76 u 88 li jistabbilixxu regola ġenerali ta' eliġibilità tal-PTEE għall-programmi kollha ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni.

Madankollu, l-UE għandha tgħin aktar lill-PTEE biex itejbu l-kapaċità tagħhom ta' monitoraġġ u inġinerija sabiex ikunu jistgħu jwieġbu għas-sejthiet għal proposti tal-Kummissjoni Ewropea. L-identifikazzjoni ta' persuna ta' kuntatt iddedikata għall-parteċipazzjoni tal-PTEE fil-programmi Ewropej fi ħdan il-Kummissjoni tgħin il-parteċipazzjoni tagħhom f'dawn il-

programmi, permezz, fost l-oħrajn, ta' kunsiderazzjoni aħjar tal-ispeċifitàjiet tagħhom fl-istabbiliment tal-proċeduri u għarfien aħjar tat-territorji.

L-appoġġ tar-rappreżentanti tal-Unjoni jew tal-Kummissjoni Ewropea fiż-żoni ġeografiki tal-PTEE jikkontribwixxi wkoll għal aċċess aħjar tal-PTEE għall-programmi orizzontali.

### **Governanza u arranġamenti għal djalogu**

#### **a) djalogu bejn il-PTEE, il-Kummissjoni u l-Istati Membri:**

Id-djalogu politiku tripartitiku huwa essenzjali għall-implimentazzjoni korretta tal-OAD u tal-11-il FEŻ. Il-PTEE jiltaqgħu attwalment ma' diffikultajiet gravi fil-programmazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-assistenza finanzjarja. Id-djalogu trilaterali, parzjalment deċentralizzat, huwa kumpless u bħalissa jinvolvi dewmien sinifikanti.

L-abbozz tal-OAD jillimita n-numru ta' laqgħat tripartitiċi għal 4 darbiet fis-sena, filwaqt li l-prassi, sal-2010, kienet ta' laqgħa tripartitika bejn wieħed u ieħor kull sitt ġimgħat. Sabiex ma jiġix regolat strettament wisq in-numru ta' dawn il-laqgħat, ir-rapporteur għalhekk qed jipproponi li jiġu organizzati tal-anqas erba' laqgħat ta' dan it-tip kull sena.

#### **b) kooperazzjoni mal-pajjiżi AKP u r-reġjuni ultraperiferiċi:**

Sabiex jintlaħaq l-oġġettiv ta' tisħiħ tal-kooperazzjoni reġjonali u l-promozzjoni tal-PTEE bħala territorji mbiegħda tal-UE fir-reġjuni tagħhom, ikun xieraq li:

- jitħeġġeġ l-aċċess tar-reġjuni ultraperiferiċi u tal-Istati ġirien tal-PTEE, AKP u mhux AKP, għall-forum UE-PTEE annwali, jekk dan ikun ġustifikat;
- jitħeġġeġ l-aċċess tal-PTEE għall-Forum tar-Reġjuni Ultraperiferiċi li jsir kull sentejn, jekk dan ikun ġustifikat;
- jerġa' jiġi introdott fil-proposta l-Artikolu 8 tal-OAD attwali, li jipromwovi l-aċċess tal-PTEE għad-djalogu UE/AKP bħala osservaturi jew għal djalogi oħra tal-UE mal-Istati ġirien tal-PTEE, jekk dan ikun iġġustifikat.

1.2.2013

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĠJALI

għall-Kumitat għall-Iżvilupp

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji barranin mal-Unjoni Ewropea ("Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija")  
(COM(2012)0362 – C7-0285/2012 – 2012/0195(CNS))

Rapporteur għal opinjoni: Philippe Boulland

### ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Din id-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija ġdida hija ta' importanza kbira għall-PTEE, peress li għandha tippermettilhom ipoġġu l-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħhom fit-triq tal-iżvilupp sostenibbli billi żżid il-kompetittività tagħhom u tissodisfa l-ħtiġijiet tagħhom filwaqt li tirrispetta l-karatteristiċi u d-diversità tagħhom. F'dan il-kuntest, it-taħriġ professjonali u l-miżuri li joħolqu l-impjiegi għandhom jiġu enfasizzati.

### EMENDI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

#### Emenda 1

##### Proposta għal deċiżjoni

##### Premessa 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

(6) Il-kontribut tas-soċjetà ċivili għall-iżvilupp tal-PTEE jista' jittejjeb permezz tat-tisħiħ tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-isferi kollha tal-kooperazzjoni.

*Emenda*

(6) Il-kontribut tas-soċjetà ċivili għall-iżvilupp tal-PTEE jista' jittejjeb permezz tat-tisħiħ tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ***u billi jingħataw aktar responsabilità*** fl-isferi kollha tal-

kooperazzjoni.

## Emenda 2

### Proposta għal deċiżjoni

#### Premessa 7

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(7) Meta titqies il-pożizzjoni ġeografika tal-PTEE, il-kooperazzjoni bejniethom u mal-ġirien tagħhom, minkejja l-istatus differenti fil-konfront tad-dritt tal-Unjoni ta' kull attur f'żona ġeografika partikolari, għandha ssir b'mod li tħares l-interessi tal-partijiet kollha, u b'enfasi partikolari fuq oqsma ta' interess komuni u l-promozzjoni tal-valuri u l-istandards tal-Unjoni.

##### *Emenda*

(7) Meta titqies il-pożizzjoni ġeografika tal-PTEE, il-kooperazzjoni bejniethom u mal-ġirien tagħhom, minkejja l-istatus differenti fil-konfront tad-dritt tal-Unjoni ta' kull attur f'żona ġeografika partikolari, għandha ssir b'mod li tħares l-interessi tal-partijiet kollha, u b'enfasi partikolari fuq oqsma ta' interess komuni u l-promozzjoni tal-valuri u l-istandards tal-Unjoni, ***b'mod speċjali dawk umanitarji u soċjali.***

## Emenda 3

### Proposta għal deċiżjoni

#### Premessa 12

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(12) Huwa importanti li l-PTEE jiġu appoġġjati fl-isforzi tagħhom li jsiru anqas dipendenti fuq il-fjuwils fossili, bil-għan li jnaqqsu l-vulnerabbiltà tagħhom għall-aċċess għal fjuwils u l-volatilità tal-prezzijiet, biex b'hekk l-ekonomija tagħhom issir aktar b'saħħitha u anqas vulnerabbli għal xokkijiet esterni.

##### *Emenda*

(12) Huwa importanti li l-PTEE jiġu appoġġjati fl-isforzi tagħhom li jsiru anqas dipendenti fuq il-fjuwils fossili, bil-għan li jnaqqsu l-vulnerabbiltà tagħhom għall-aċċess għal fjuwils u l-volatilità tal-prezzijiet, biex b'hekk l-ekonomija tagħhom issir aktar b'saħħitha u anqas vulnerabbli għal xokkijiet esterni, ***speċjalment fir-rigward tal-impjiegi.***

## Emenda 4

### Proposta għal deċiżjoni

#### Premessa 14

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(14) L-effett tal-fatt li l-PTEE jinsabu

##### *Emenda*

(14) L-effett tal-fatt li l-PTEE jinsabu

daqshekk imbiegħda jikkostitwixxi **tfixkil għall-kompetittività** tagħhom u għaldaqstant huwa importanti li tittiejeb l-aċċessibbiltà tal-PTEE.

daqshekk imbiegħda jikkostitwixxi **sfida għall-iżvilupp ekonomiku** tagħhom u għaldaqstant huwa importanti li tittiejeb l-aċċessibbiltà tal-PTEE.

## Emenda 5

### Proposta għal deċiżjoni Premessa 15

*Test propost mill-Kummissjoni*

(15) L-Unjoni u l-PTEE jirrikonoxxu l-importanza tal-edukazzjoni li **twassal** għall-iżvilupp sostenibbli tal-PTEE.

*Emenda*

(15) L-Unjoni u l-PTEE jirrikonoxxu l-importanza tal-edukazzjoni **u tat-taħriġ professjonali** li **jwasslu** għall-iżvilupp sostenibbli tal-PTEE.

## Emenda 6

### Proposta għal deċiżjoni Premessa 16a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(16a) Għan kruċjali tal-kooperazzjoni għandu jkun it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, u d-drittijiet tax-xogħol u dawk tat-trade unions. It-trade unions u rappreżentanti oħrajn tal-ħaddiema għandhom ikollhom rwol importanti fil-proċess.**

## Emenda 7

### Proposta għal deċiżjoni Premessa 17

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(17) L-inċidenza ta' mard li jittieħed fil-PTEE, bħad-deni dengue fil-Karibew u l-Paċifiku u Chikungunya fir-reġjun tal-Oċean Indjan, jista' jkollha impatti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa u fuq l-ekonomija. Lil hinn mit-tnaqqis tal-

(17) L-inċidenza ta' mard li jittieħed fil-PTEE, bħad-deni dengue fil-Karibew u l-Paċifiku u Chikungunya fir-reġjun tal-Oċean Indjan, jista' jkollha impatti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa u fuq l-ekonomija. Lil hinn mit-tnaqqis tal-

produttività tal-popolazzjonijiet milquta, l-epidemiji fil-PTEE x'aktarx li jolqtu t-turiżmu b'mod negattiv ferm, meta dan huwa wieħed mill-pilastri tal-ekonomija tal-PTEE. Il-PTEE huma miftuħa għar-riskju tal-importazzjoni ta' mard li jittieħed minħabba l-għadd kbir ta' turisti u ħaddiema migranti li jżuruhom. Min-naħa l-oħra, il-fluss kbir ta' persuni li jtilqu minn PTEE jista' jkun vettur ta' introduzzjoni ta' mard li jittieħed fl-Ewropa. Għaldaqstant, l-iżgurar ta' "turiżmu sikur" huwa fattur kruċjali għas-sostenibbiltà tal-ekonomiji tal-PTEE li jiddependu ħafna fuq it-turiżmu.

produttività tal-popolazzjonijiet milquta, l-epidemiji fil-PTEE x'aktarx li jolqtu t-turiżmu b'mod negattiv ferm, meta dan huwa wieħed mill-pilastri tal-ekonomija tal-PTEE. Il-PTEE huma miftuħa għar-riskju tal-importazzjoni ta' mard li jittieħed minħabba l-għadd kbir ta' turisti u ħaddiema migranti li jżuruhom. ***Aċċess faċli u regolari għall-mediċina okkupazzjonali jista' jnaqqas in-numru kbir ta' epidemiji.*** Min-naħa l-oħra, il-fluss kbir ta' persuni li jtilqu minn PTEE jista' jkun vettur ta' introduzzjoni ta' mard li jittieħed fl-Ewropa. Għaldaqstant, l-iżgurar ta' "turiżmu sikur" huwa fattur kruċjali għas-sostenibbiltà tal-ekonomiji tal-PTEE li jiddependu ħafna fuq it-turiżmu.

## Emenda 8

### Proposta għal deċiżjoni

#### Premessa 19

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(19) L-Unjoni tagħraf l-importanza li tiżviluppa sħubija aktar attiva mal-PTEE fir-rigward tal-governanza tajba u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, it-traffikar tal-bnedmin, it-terroriżmu u l-korruzzjoni.

##### *Emenda*

(19) L-Unjoni tagħraf l-importanza li tiżviluppa sħubija aktar attiva mal-PTEE fir-rigward tal-governanza ***ekonomika, soċjali u fiskali*** tajba u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, it-traffikar tal-bnedmin, it-terroriżmu u l-korruzzjoni.

## Emenda 9

### Proposta għal deċiżjoni

#### Premessa 20

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(20) Il-kummerċ u l-kooperazzjoni relatata mal-kummerċ bejn l-Unjoni u l-PTEE għandha tikkontribwixxi għall-għan ta' żvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet tal-iżvilupp ekonomiku, l-iżvilupp soċjali u l-ħarsien ambjentali.

##### *Emenda*

(20) Il-kummerċ u l-kooperazzjoni relatata mal-kummerċ bejn l-Unjoni u l-PTEE għandhom jikkontribwixxu ***b'mod sistematiku*** għall-għan ta' żvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet tal-iżvilupp ekonomiku, l-iżvilupp soċjali u l-ħarsien

ambjentali.

## Emenda 10

### Proposta għal deċiżjoni Premessa 21

*Test propost mill-Kummissjoni*

(21) Tibdil globali, rifless fil-proċess kontinwu ta' liberalizzazzjoni ta' kummerċ, jimplika lill-Unjoni, bħala s-sieħba kummerċjali prinċipali tal-PTEE, b'mod *wiesgħa*, kif ukoll lill-ġirien tal-AKP u lis-sħab ekonomiċi l-oħra.

*Emenda*

(21) Tibdil globali, rifless fil-proċess kontinwu ta' liberalizzazzjoni ta' kummerċ, jimplika lill-Unjoni, bħala s-sieħba kummerċjali prinċipali tal-PTEE, b'mod *wiesa'*, kif ukoll lill-ġirien tal-AKP u lis-sħab ekonomiċi l-oħra. ***Dan jimplika responsabilità kondiviża biex jiġu inklużi b'mod sistematiku klawnsoli tar-rispett tal-istandards soċjali minimi f'kull sħubija jew fehim kummerċjali negozjat.***

## Emenda 11

### Proposta għal deċiżjoni Premessa 21a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(21a) Il-politiki ta' awsterità kellhom effetti detrimental fuq l-impjieg u l-għajxien ta' miljuni ta' ħaddiema u nies foqra madwar id-dinja, u għaldaqstant hemm il-ħtieġa ta' kooperazzjoni bejn il-PTEE u l-Unjoni biex jinqatgħu minn dawn il-politiki u jmexxu 'l quddiem programmi ambizzjużi ta' investiment pubbliku bħala l-uniku mod biex jiġu garantiti kundizzjonijiet ta' għajxien u ta' xogħol deċenti għall-maġġoranza tal-popolazzjoni kemm fil-PTEE kif ukoll fl-Unjoni.***

## Emenda 12

### Proposta għal deċiżjoni

#### Premessa 26

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(26) B'kunsiderazzjoni tal-għanijiet tal-integrazzjoni u l-iżvilupp tal-kummerċ globali fil-qasam tas-servizzi u l-istabbiliment, huwa neċessarju li jingħata appoġġ għall-iżvilupp ta' swieq tas-servizzi u possibbiltajiet ta' investiment billi jittejjeb l-aċċess għas-suq tas-servizzi tal-PTEE u jsir investiment fis-suq tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, lill-PTEE l-Unjoni għandha toffrilhom l-aħjar trattament possibbli li jiġi offrut lil kwalunkwe sieħeb kummerċjali permezz ta' klawnsoli komprensivi tal-aktar nazzjon favorit, filwaqt li tiżgura aktar possibbiltajiet flessibbli għar-relazzjonijiet kummerċjali għall-PTEE billi t-trattament offrut mill-PTEE lill-Unjoni jiġi limitat għal dak li ġie offrut lill-ekonomiji kummerċjali maġġuri oħrajn.

## Emenda 13

### Proposta għal deċiżjoni

#### Premessa 28

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(28) Il-miżuri sanitarji u fitosanitarji u l-ostakli tekniċi fuq il-kummerċ jistgħu jħallu impatt fuq il-kummerċ u hemm bżonn li jkun hemm kooperazzjoni dwarhom. Il-kummerċ u l-kooperazzjoni relatata mal-kummerċ għandhom jindirizzaw ukoll il-politiki tal-kompetizzjoni u d-drittijiet *tal-proporzjetà* intellettuali, li jolqtu d-distribuzzjoni ekwa tal-gwadanji tal-kummerċ.

##### *Emenda*

(26) B'kunsiderazzjoni tal-għanijiet tal-integrazzjoni u l-iżvilupp tal-kummerċ globali fil-qasam tas-servizzi u l-istabbiliment, huwa neċessarju li jingħata appoġġ għall-iżvilupp ta' swieq tas-servizzi u possibbiltajiet ta' investiment billi jittejjeb l-aċċess għas-suq tas-servizzi tal-PTEE u jsir investiment fis-suq tal-Unjoni, ***u billi jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għas-swieq pubbliċi.*** F'dan ir-rigward, lill-PTEE l-Unjoni għandha toffrilhom l-aħjar trattament possibbli li jiġi offrut lil kwalunkwe sieħeb kummerċjali permezz ta' klawnsoli komprensivi tal-aktar nazzjon favorit, filwaqt li tiżgura aktar possibbiltajiet flessibbli għar-relazzjonijiet kummerċjali għall-PTEE billi t-trattament offrut mill-PTEE lill-Unjoni jiġi limitat għal dak li ġie offrut lill-ekonomiji kummerċjali maġġuri oħrajn.

##### *Emenda*

(28) Il-miżuri sanitarji u fitosanitarji u l-ostakli tekniċi fuq il-kummerċ jistgħu jħallu impatt fuq il-kummerċ ***u fuq is-sitwazzjoni tal-impjeggi*** u hemm bżonn li jkun hemm kooperazzjoni dwarhom. Il-kummerċ u l-kooperazzjoni relatata mal-kummerċ għandhom jindirizzaw ukoll ***il-politiki tal-impjeg, speċjalment dawk li jikkonċernaw iż-żgħażaġh,*** il-politiki tal-kompetizzjoni u d-drittijiet *tal-proporzjetà* intellettuali, li jolqtu d-distribuzzjoni ekwa tal-gwadanji tal-kummerċ.



## Emenda 14

### Proposta għal deċiżjoni Premessa 29

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(29) Sabiex jiġi żgurat li l-PTEE jkunu jistgħu jipparteċipaw fis-suq intern tal-Unjoni fl-aħjar kundizzjonijiet bħala swieq reġjonali, subreġjonali u swieq internazzjonali, huwa importanti li l-kapaċità tal-PTEE f'diversi oqsma tiġi żviluppata. Dawn jinkludu l-iżvilupp tar-riżorsi umani u tal-ħiliet tagħhom, l-iżvilupp tal-impriżi żgħar u medji, id-diversifikazzjoni ta' setturi ekonomiċi u l-implimentazzjoni ta' qafas legali xieraq sabiex jinkiseb ambjent kummerċjali li jwassal għal aktar investment.

#### *Emenda*

(29) Sabiex jiġi żgurat li l-PTEE jkunu jistgħu jipparteċipaw fis-suq intern tal-Unjoni fl-aħjar kundizzjonijiet bħala swieq reġjonali, subreġjonali u swieq internazzjonali, huwa importanti li l-kapaċità tal-PTEE f'diversi oqsma tiġi żviluppata. Dawn jinkludu l-iżvilupp tar-riżorsi umani u tal-ħiliet tagħhom **billi: jiġu offruti taħriġ vokazzjonali xieraq u kontinwu; jiġi ffaċilitat** l-iżvilupp tal-impriżi żgħar u medji; **jiġi ffaċilitat l-aċċess għal strumenti ta' mikrofinanzjament u self;** id-diversifikazzjoni ta' setturi ekonomiċi; u l-implimentazzjoni ta' qafas legali xieraq sabiex jinkiseb ambjent kummerċjali li jwassal għal aktar investment. **Għal dan l-għan, l-għaqda tal-fondi FEŻ u tal-programmi u l-istrumenti mdaħħla fil-baġit ġenerali tal-UE li għalihom huma eliġibbli l-PTEE tippermetti t-tisħiħ u r-razzjonalizzazzjoni tal-investimenti proposti.**

## Emenda 15

### Proposta għal deċiżjoni Premessa 30a (ġdida)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**(30a) Il-PTEE jista' jkollhom rwol kruċjali fil-ġlieda kontra r-rifuġju fiskali. F'dan ir-rigward, il-ħtieġa li jsir progress lejn trasparenza reali tas-settur finanzjarju għandha tiġi enfasizzata.**

## **Emenda 16**

### **Proposta għal deċiżjoni Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) il-promozzjoni ta' tkabbir ekoloġiku;

*Emenda*

(b) il-promozzjoni ta' tkabbir ekoloġiku **u impjiegi ekoloġiċi fl-industriji kollha relatati mat-tkabbir ekoloġiku;**

## **Emenda 17**

### **Proposta għal deċiżjoni Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ca) il-ħolqien tal-impjiegi, edukazzjoni, taħriġ professjonali u saħħa;**

## **Emenda 18**

### **Proposta għal deċiżjoni Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(fa) l-istabbiliment ta' djalogu soċjali;**

## **Emenda 19**

### **Proposta għal deċiżjoni Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt ga (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ga) il-faċilitar tal-aċċess għat-teknoloġija ġdida tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni;**

## **Emenda 20**

**Proposta għal deċiżjoni**  
**Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt gb (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(gb) l-involviment taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol sabiex jiġi minimizzat il-qgħad fost iż-żgħażaġh.**

**Emenda 21**

**Proposta għal deċiżjoni**  
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Bil-għan tat-tisħiħ tar-relazzjonijiet bejniethom, l-Unjoni u l-PTEE jagħmlu mill-aħjar biex jippromwovu l-assoċjazzjoni maċ-ċittadini tagħhom, partikolarment permezz tal-promozzjoni tal-iżvilupp tar-rabtiet u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet, il-komunità akkademika, is-soċjetà ċivili u n-negozji tal-PTEE fuq naħa waħda, u mal-interlokutori tagħhom fi ħdan l-Unjoni fuq in-naħa l-oħra.

1. Bil-għan tat-tisħiħ tar-relazzjonijiet ta' bejniethom, l-Unjoni u l-PTEE jagħmlu mill-aħjar biex jippromwovu l-assoċjazzjoni maċ-ċittadini tagħhom, partikolarment permezz tal-promozzjoni tal-iżvilupp tar-rabtiet u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet, il-komunità akkademika, is-soċjetà ċivili, **is-sħab soċjali** u n-negozji tal-PTEE fuq naħa waħda, u mal-interlokutori tagħhom fi ħdan l-Unjoni fuq in-naħa l-oħra.

**Emenda 22**

**Proposta għal deċiżjoni**  
**Artikolu 7 – paragrafu 4 – punt ca (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ca) il-ħolqien tal-impjiegi u t-taħriġ professjonali;**

## Emenda 23

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt (a)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) forum bejn il-PTEE u l-UE (il-forum PTEE-UE), għandu jiltaqa' kull sena biex ilaqqa' l-awtoritajiet tal-PTEE, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni. Il-membri tal-Parlament Ewropew, ir-rappreżentanti tal-BEI, u r-rappreżentanti tal-reġjuni ultraperiferiċi għandhom ikunu assoċjati mal-Forum PTEE-UE, **fejn xieraq**;

## Emenda 24

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 29

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) għandha l-għan li tixpruna l-innovazzjoni, it-tkabbir ekonomiku u titjib fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini u n-negozji tal-PTEE, fosthom il-promozzjoni tal-aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà. B'mod partikolari, il-kooperazzjoni għandu jkollha l-għan li ttejjeb il-kapaċità regolatorja tal-PTEE u tista' tappoġġja l-espansjoni ta' netwerks u servizzi tal-ICT permezz tal-miżuri li ġejjin:

(a) il-ħolqien ta' ambjent regolatorju prevedibbli li jżomm il-pass mal-iżviluppi teknoloġiċi, jistimula t-tkabbir u l-innovazzjoni u jrawwem il-kompetizzjoni u l-ħarsien tal-konsumatur;

(b) id-djalogu dwar id-diversi aspetti ta' politika rigward il-promozzjoni u l-

#### *Emenda*

(a) forum bejn il-PTEE u l-UE (il-forum PTEE-UE), għandu jiltaqa' kull sena biex ilaqqa' l-awtoritajiet tal-PTEE, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni. Il-membri tal-Parlament Ewropew, ir-rappreżentanti tal-BEI, u r-rappreżentanti tar-reġjuni ultraperiferiċi għandhom ikunu assoċjati mal-Forum PTEE-UE;

#### *Emenda*

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) għandha l-għan li tixpruna l-innovazzjoni, it-tkabbir ekonomiku, **il-kooperazzjoni, il-libertà tal-espressjoni, il-ħolqien ta' impjiegi ġodda** u titjib fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini u n-negozji tal-PTEE, fosthom il-promozzjoni tal-aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà. B'mod partikolari, il-kooperazzjoni għandu jkollha l-għan li ttejjeb il-kapaċità regolatorja tal-PTEE u tista' tappoġġja l-espansjoni ta' netwerks u servizzi tal-ICT permezz tal-miżuri li ġejjin:

(a) il-ħolqien ta' ambjent regolatorju prevedibbli li jżomm il-pass mal-iżviluppi teknoloġiċi, jistimula t-tkabbir u l-innovazzjoni u jrawwem il-kompetizzjoni u l-ħarsien tal-konsumatur;

(b) id-djalogu dwar id-diversi aspetti ta' politika rigward il-promozzjoni u l-

monitoraġġ tas-soċjetà tal-informazzjoni;  
(c) l-iskambju ta' informazzjoni dwar standards u kwistjonijiet ta' interoperabbiltà;  
(d) il-promozzjoni tal-kooperazzjoni fil-qasam tar-riċerka tal-ICT u fil-qasam tal-infrastrutturi tar-riċerka bbażati fuq l-ICT;  
(e) l-iżvilupp ta' servizzi u applikazzjonijiet fl-oqsma b'impatt kbir fuq is-soċjetà.

monitoraġġ tas-soċjetà tal-informazzjoni;  
(c) l-iskambju ta' informazzjoni dwar standards u kwistjonijiet ta' interoperabbiltà;  
(d) il-promozzjoni tal-kooperazzjoni fil-qasam tar-riċerka tal-ICT u fil-qasam tal-infrastrutturi tar-riċerka bbażati fuq l-ICT;  
(e) l-iżvilupp ta' servizzi u applikazzjonijiet fl-oqsma b'impatt kbir fuq is-soċjetà, **bħal pereżempju l-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali.**

## Emenda 25

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 30 – parti introduttorja

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni tista' tkopri x-xjenza, it-teknoloġija, fosthom it-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, bil-għan li jingħata kontribut għall-iżvilupp sostenibbli tal-PTEE u għall-promozzjoni tal-eċċellenza u l-kompetittività industrijali fil-PTEE. B'mod partikolari, il-koperazzjoni tista' tikkonċerna:

#### *Emenda*

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni tista' tkopri x-xjenza, **l-edukazzjoni**, it-teknoloġija, fosthom it-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, bil-għan li jingħata kontribut għall-iżvilupp sostenibbli tal-PTEE u għall-promozzjoni tal-eċċellenza u l-kompetittività industrijali fil-PTEE. B'mod partikolari, il-koperazzjoni tista' tikkonċerna:

## Emenda 26

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 30 – punt aa (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**(aa) il-promozzjoni tal-aċċess għal teknoloġija ġdida għal kulħadd;**

## Emenda 27

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 30 – punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) il-bini ta' politika u istituzzjonijiet fil-PTEE u azzjonijiet komuni fil-livell lokali, nazzjonali jew reġjonali, bil-għan li jiġu żviluppati x-xjenza, it-teknoloġija u l-attivitajiet innovazzjoni u l-applikazzjoni tagħhom;

#### *Emenda*

(b) il-bini ta' politika u istituzzjonijiet fil-PTEE u azzjonijiet komuni fil-livell lokali, nazzjonali jew reġjonali, bil-għan li jiġu żviluppati x-xjenza, ***l-edukazzjoni***, it-teknoloġija u l-attivitajiet ta' innovazzjoni u l-applikazzjoni tagħhom;

## Emenda 28

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 30 – punt d

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(d) il-parteciċipazzjoni ta' riċerkaturi individwali, korpi tar-riċerka u entitajiet legali mill-PTEE fil-qafas għall-koopearazzjoni relatat ma' programmi ta' riċerka u innovazzjoni fi ħdan l-Unjoni;

#### *Emenda*

(d) il-parteciċipazzjoni ta' riċerkaturi individwali, korpi tar-riċerka, ***SMEs*** u entitajiet legali mill-PTEE fil-qafas tal-koopearazzjoni relatata ma' programmi ta' riċerka u innovazzjoni ***u mal-Programm għall-Kompetittività tal-intrapriżi*** fi ħdan l-Unjoni;

## Emenda 29

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 30 – punt e

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(e) it-taħriġ u l-mobbiltà internazzjonali ta' riċerkaturi tal-PTEE u skambji.

#### *Emenda*

(e) it-taħriġ u l-mobbiltà internazzjonali ta' riċerkaturi ***u ta' studenti*** tal-PTEE u skambji ***ta' riċerkaturi u ta' studenti***.

## Emenda 30

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 31 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Unjoni għandha tiżgura li l-persuni fiżiċi mill-PTEE, kif definiti fl-Artikolu 49, ikunu jistgħu jipparteċipaw ***f'inizjattivi*** tal-Unjoni li jikkonċernaw iż-żgħażaġh fuq l-istess bażi taċ-ċittadini tal-Istati Membri.

**Emenda 31**

**Proposta għal deċiżjoni  
Artikolu 31 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-assoċjazzjoni għandha l-għan li ssaħħaħ ir-rabtiet bejn iż-żgħażaġh li jgħixu fil-PTEE u fl-Unjoni, fost l-oħrajn permezz tal-promozzjoni ***tal-mobbiltà għat-tagħlim*** għaż-żgħażaġh tal-PTEE u bit-trawwim tal-komprensjoni reċiproka bejn iż-żgħażaġh.

**Emenda 32**

**Proposta għal deċiżjoni  
Artikolu 31 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**Emenda 33**

RR\928563MT.doc

71/89

*Emenda*

1. L-Unjoni għandha tiżgura li l-persuni fiżiċi mill-PTEE, kif definiti fl-Artikolu 49, ikunu jistgħu jipparteċipaw ***fl-inizjattivi u fil-programmi*** tal-Unjoni li jikkonċernaw iż-żgħażaġh fuq l-istess bażi taċ-ċittadini tal-Istati Membri.

*Emenda*

2. L-assoċjazzjoni għandha l-għan li ssaħħaħ ir-rabtiet bejn iż-żgħażaġh li jgħixu fil-PTEE u fl-Unjoni, fost l-oħrajn permezz tal-promozzjoni ***tal-edukazzjoni, it-taħriġ professjonali, inizjali jew kontinwu, l-iskambji ta' tagħlim u l-mobbiltà*** għaż-żgħażaġh tal-PTEE, bit-trawwim ***tat-tagħlim interkulturali u tal-komprensjoni reċiproka bejn iż-żgħażaġh, u bil-ħolqien ta' kundizzjonijiet favorevoli għalihom biex jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom u biex jaħdmu u jipparteċipaw b'mod attiv fis-soċjetà peress li dan huwa essenzjali għal żvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli.***

*Emenda*

***2a. L-Unjoni u l-PTEE għandhom jikkooperaw sabiex iż-żgħażaġh ikunu involuti b'mod attiv fis-suq tax-xogħol sabiex jiġi evitat il-qgħad fost iż-żgħażaġh.***

PE502.088v02-00

**Proposta għal deċiżjoni**  
**Artikolu 32 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(aa) l-għoti ta' opportunitajiet ta' esperjenza ta' xogħol għall-istudenti li jistgħu jgħinu liż-żgħażaġh jieħdu deċiżjonijiet dwar il-karriera futura tagħhom u biex jiżviluppaw ħiliet utli għas-suq tax-xogħol;*

*Ġustifikazzjoni*

*L-esperjenza tax-xogħol tagħti lill-istudenti idea tal-ħajja tax-xogħol u ttihom l-opportunità li jitgħallmu billi jmiddu jdejhom.*

**Emenda 34**

**Proposta għal deċiżjoni**  
**Artikolu 32 – paragrafu 1 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(b) l-appoġġ lill-PTEE fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' politiki tal-edukazzjoni.

(b) l-appoġġ lill-PTEE fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' politiki tal-edukazzjoni **u t-taħriġ professjonali formali u informali.**

**Emenda 35**

**Proposta għal deċiżjoni**  
**Artikolu 32 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ba) l-għoti ta' taħriġ adegwat u opportunitajiet edukattivi li jistgħu jiffaċilitaw il-promozzjoni ta' ħiliet għal impjiegi ekoloġiċi, b'enfasi speċifika fuq il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi.*



## Emenda 36

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 32 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Unjoni għandha tiżgura li l-persuni fiżiċi mill-PTEE, kif definiti fl-Artikolu 49, ikunu jistgħu jipparteċipaw f'inizjattivi tal-Unjoni li jikkonċernaw l-edukazzjoni fuq l-istess bażi taċ-ċittadini tal-Istati Membri.

#### *Emenda*

2. L-Unjoni għandha tiżgura li l-persuni fiżiċi mill-PTEE, kif definiti fl-Artikolu 49, ikunu jistgħu jipparteċipaw f'inizjattivi tal-Unjoni li jikkonċernaw l-edukazzjoni **u t-taħriġ professjonali** fuq l-istess bażi taċ-ċittadini tal-Istati Membri.

## Emenda 37

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 32 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-Unjoni għandha tiżgura li l-korpi u l-istituti tal-edukazzjoni mill-PTEE jkunu jistgħu jieħdu sehem f'inizjattivi ta' kooperazzjoni tal-Unjoni relatati mal-edukazzjoni abbażi tal-istess korpi u istituzzjonijiet tal-edukazzjoni tal-Istati Membri.

#### *Emenda*

3. L-Unjoni għandha tiżgura li l-korpi u l-istituti tal-edukazzjoni **u tat-taħriġ professjonali** mill-PTEE jkunu jistgħu jieħdu sehem f'inizjattivi ta' kooperazzjoni tal-Unjoni relatati mal-edukazzjoni abbażi tal-istess korpi u istituzzjonijiet tal-edukazzjoni **u tat-taħriġ professjonali** tal-Istati Membri.

## Emenda 38

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 33 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Unjoni u l-PTEE għandu jkollhom djalogu fil-qasam *tal-impjegi* u l-politika soċjali li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-PTEE u l-promozzjoni ta' xogħol deċenti fil-PTEE u fir-reġjuni fejn jinsabu. Dan id-djalogu għandu jkollu l-għan ukoll li jappoġġja l-isforzi tal-awtoritajiet tal-PTEE għall-iżvilupp ta' politiki u leġiżlazzjoni f'dan il-qasam.

#### *Emenda*

1. L-Unjoni u l-PTEE għandu jkollhom djalogu fil-qasam *tal-impjegi* u l-politika soċjali li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-PTEE u l-promozzjoni ta' xogħol deċenti **u l-inklużjoni soċjali f'ekonomija ekoloġika** fil-PTEE u fir-reġjuni fejn jinsabu. Dan id-djalogu għandu jkollu l-għan ukoll li jappoġġja l-isforzi tal-awtoritajiet tal-PTEE għall-iżvilupp ta' politiki u leġiżlazzjoni

f'dan il-qasam.

## Emenda 39

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 33 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***1a. L-Unjoni u l-PTEE għandhom jikkooperaw biex jipromwovu impjiegi deċenti b'kundizzjonijiet ta' libertà, ugwaljanza, sigurtà u dinjità umana sabiex b'hekk jiġi ffaċilitat it-tnaqqis tal-faqar u jinkiseb żvilupp inklużiv u sostenibbli.***

## Emenda 40

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 33 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Fil-parti l-kbira tiegħu dan id-djalogu għandu jikkonsisti minn informazzjoni u l-aħjar prattiki relatati mal-politiki u l-leġislazzjoni fil-qasam tal-impjiegi u l-politika soċjali li jkunu fl-interess reċiproku tal-Unjoni u tal-PTEE. F'dan ir-rigward, għandhom jiġu kkunsidrati oqsma bħall-iżvilupp tal-ħiliet, il-ħarsien soċjali, id-djalogu soċjali, l-opportunitajiet indaqs, in-nondiskriminazzjoni u l-aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà, is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol u standards tax-xogħol.

2. Fil-parti l-kbira tiegħu dan id-djalogu għandu jikkonsisti minn informazzjoni u l-aħjar prattiki relatati mal-politiki u l-leġislazzjoni fil-qasam tal-impjiegi u l-politika soċjali li jkunu fl-interess reċiproku tal-Unjoni u tal-PTEE. ***Ikun xieraq li jitħeġġeġ il-ħolqien tal-impjiegi speċjalment fi ħdan l-SMEs permezz tal-promozzjoni ta' standards soċjali ambizzjużi. Id-djalogu għandu jħeġġeġ il-miżuri innovattivi kollha li għandhom jipproteġu l-ambjent u s-saħħa tal-ħaddiema u ċ-ċittadini, maħsuba li jippermettu l-ħolqien tal-impjiegi fl-oqsma kollha fejn il-PTEE jkollhom vantaġġ bħal pereżempju l-bijodiversità, ir-riżorsi minerali, it-teknoloġiji ġodda u l-oqsma marbuta mat-titjib tal-aċċessibilità.*** F'dan ir-rigward, għandhom jiġu kkunsidrati oqsma ***bħall-ippjanar bil-quddiem tal-impjiegi u bħall-iżvilupp tal-ħiliet, it-taħriġ ta' ħaddiema kkwalifikati sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-suq tax-***

**xogħol**, il-ħarsien soċjali, id-djalogu soċjali, l-opportunitajiet indaqs, in-nondiskriminazzjoni u l-aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà, is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol u standards tax-xogħol.

## Emenda 41

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 33 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. L-Unjoni u l-PTEE għandhom jikkooperaw sabiex jagħmlu skambju tal-aħjar prattiki għal politiki attivi tas-suq tax-xogħol, djalogu soċjali b'saħħtu, standards tax-xogħol u protezzjoni soċjali biex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet tal-ħaddiema u l-komunitajiet tagħhom, biex jiġu missielta x-xogħol sfurzat jew it-tħaddim tat-tfal u x-xogħol mhux iddikjarat;**

## Emenda 42

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 33 – paragrafu 2b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2b. L-Unjoni u l-PTEE għandhom jikkooperaw sabiex jipprovdu bilanċ korrett bejn is-sigurtà u l-flessibilità fis-suq tax-xogħol permezz ta' implimentazzjoni komprensiva tal-prinċipji tal-flessigurtà, u biex tiġi indirizzata s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, billi jiġu pprovvuti kemm kopertura adegwata ta' protezzjoni soċjali għal persuni f'perjodi ta' tranżizzjoni, jew b'kuntratti ta' xogħol temporanji jew part-time, kif ukoll aċċess għat-taħriġ, u għall-possibilitajiet tal-iżvilupp tal-karriera u ta' xogħol full-time;**

## Emenda 43

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 33 – paragrafu 2c (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2c. L-Unjoni u l-PTEE għandhom jagħmlu skambju tal-aħjar prattiki u jikkooperaw biex jipprovdu investimenti fis-servizzi, bħalma huma l-kura tat-tfal bi prezzijiet tajbin, full time u ta' kwalità għolja, postijiet tal-iskola għal ġurnata sħiħa u kura għall-anzjani, li jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi, irawmu bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja u joħlqu qafas li jippermetti li n-nies jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol;*

## Emenda 44

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 33 – paragrafu 2d (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2d. It-tnaqqis fil-popolazzjoni, inkluż l-“eżodu ta' mħuħ” u l-emigrazzjoni taż-żgħażaġ minħabba x-xogħol, huma sfida għal ħafna PTEE u għal din ir-raġuni l-Unjoni u l-PTEE għandhom jikkooperaw biex jipproteġu d-drittijiet tal-ħaddiema migranti fis-suq tax-xogħol.*

## Emenda 45

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 33a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Artikolu 33a*

*Id-djalogu soċjali u l-iżvilupp tad-*

*demokrazija soċjali*

*Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-promozzjoni tad-djalogu soċjali u tal-iżvilupp tad-demokrazija soċjali, tista' tiġi appoġġjata minn miżuri, inklużi:*

*– azzjonijiet li jipprovdu taħriġ għas-sħab soċjali,*

*– azzjonijiet li jippermettu l-komunikazzjoni u l-ħolqien tal-ispazji maħsuba għall-promozzjoni u l-iżvilupp tad-djalogu soċjali u d-demokrazija soċjali,*

*– azzjonijiet li jippermettu l-iskambju tal-aħjar Prattiki soċjali fil-livell reġjonali u lokali.*

**Emenda 46**

**Proposta għal deċiżjoni  
Artikolu 34 - punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) azzjonijiet li jsaħħu t-tnejn u l-kapaċità ta' rispons kontra theddid transkonfinali fuq is-saħħa bħal mard li jittieħed li għandhom jiġu żviluppanti fuq strutturi eżistenti u li għandhom jittrattaw ċirkostanzi mhux normali;

**Emenda 47**

**Proposta għal deċiżjoni  
Artikolu 34 – punt aa (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

## Emenda 48

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 34 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) bini ta' kapaċità permezz tat-tishiġ ta' netwerks ta' saħħa pubblika fil-livell reġjonali, il-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni fost esperti u l-promozzjoni ta' taħriġ xieraq;

*Emenda*

(b) bini ta' kapaċità permezz tat-tishiġ ta' netwerks ta' saħħa pubblika fil-livell reġjonali, il-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni fost esperti u l-promozzjoni ta' taħriġ xieraq **u l-introduzzjoni tat-telemediċina**;

## Emenda 49

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 34a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 34a*

#### *Saħħa u sigurtà fuq ix-xogħol*

*Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tas-saħħa u tas-sigurtà fuq ix-xogħol għandha l-għan li ssaħħaħ il-kapaċitajiet tal-PTEE fil-prevenzjoni tal-mard u tal-inċidenti okkupazzjonali permezz ta' miżuri, inklużi:*

- azzjonijiet li jippermettu t-twettiq ta' studji u l-iżvilupp ta' kompetenzi fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol rigward riskji speċifiċi għat-territorju kkonċernat,*
- assistenza għall-modernizzazzjoni tar-regolamentazzjoni fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol*
- appoġġ tal-azzjonijiet għall-promozzjoni tal-prevenzjoni tar-riskji relatati max-xogħol.*

## Emenda 50

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 54 – paragrafu 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a. Meta ftehimiet kummerċjali li attwalment qed jiġu nneozjati ma' pajjiżi terzi jkollhom ir-riskju li jipperikolaw setturi tal-kummerċ tradizzjonali li huma karatteristiċi tal-OCTs, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjonijiet preliminari tal-impatt tal-konsegwenzi potenzjali skont il-kriterji definiti mill-ILO u min-NU. Ladarba jitwettqu, il-Kummissjoni għandha tgħaddi dawn l-istudji preliminari tal-impatt lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-awtoritajiet governattivi u lokali tal-PTEE qabel il-konklużjoni tal-ftehimiet internazzjonali kkonċernati.**

## Emenda 51

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 57 – paragrafu 1 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(b) il-faċilitazzjoni tat-tneħħija ta' ostakli fuq il-kummerċ jew l-investment fir-rigward ta' prodotti u servizzi ta' rilevanza partikolari għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, bħall-enerġija rinnovabbli sostenibbli u prodotti u servizzi b'użu enerġetiku effiċjenti, fosthom permezz tal-aħjar teknoloġiji li huma disponibbli u permezz tal-promozzjoni ta' standards li jirrispondu għall-ħtiġijiet ambjentali u ekonomiċi u jimminimizzaw l-ostakli tekniċi fuq il-kummerċ;

(b) il-faċilitazzjoni tat-tneħħija ta' ostakli fuq il-kummerċ jew l-investment fir-rigward ta' prodotti u servizzi ta' rilevanza partikolari għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, bħall-enerġija rinnovabbli sostenibbli u prodotti u servizzi b'użu enerġetiku effiċjenti, fosthom permezz tal-aħjar teknoloġiji li huma disponibbli u permezz tal-promozzjoni ta' standards li jirrispondu għall-ħtiġijiet ambjentali, **soċjali** u ekonomiċi u jimminimizzaw l-ostakli tekniċi fuq il-kummerċ;

## Emenda 52

### Proposta għal deċiżjoni

#### Artikolu 57 – paragrafu 1 – punt c

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(c) il-promozzjoni tal-kummerċ ta' prodotti li jikkontribwixxu għall-kundizzjonijiet soċjali u għal prattiki tajbin mil-lat ambjentali, fosthom prodotti li jkunu suġġetti għal skemi volontarji ta' assigurazzjoni tas-sostenibbiltà bħall-kummerċ ġust u etiku, ekotikketti, u skemi ta' ċertifikazzjoni għal prodotti naturali bbażati fuq riżorsi;

##### *Emenda*

(c) il-promozzjoni tal-kummerċ ta' prodotti li jikkontribwixxu għall-kundizzjonijiet soċjali u għal prattiki tajbin mil-lat ambjentali, fosthom prodotti li jkunu suġġetti għal skemi volontarji ta' assigurazzjoni tas-sostenibbiltà bħall-kummerċ ġust u etiku, ekotikketti, **tikketti soċjali** u skemi ta' ċertifikazzjoni għal prodotti naturali bbażati fuq riżorsi;

## Emenda 53

### Proposta għal deċiżjoni

#### Artikolu 62

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tal-politika tal-konsumatur, il-protezzjoni tas-saħħa tal-konsumatur u l-kummerċ tista' tinkludi t-tħejjija ta' liġijiet u regolament fil-qasam tal-politika tal-konsumatur u tal-protezzjoni tas-saħħa tal-konsumatur, bil-għan li jiġu evitati ostakli żejda fuq il-kummerċ.

##### *Emenda*

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tal-politika tal-konsumatur, il-protezzjoni tas-saħħa tal-konsumatur u l-kummerċ tista' tinkludi **l-possibilitajiet ta' rikonoxximent temporanju tar-regoli u l-proċeduri stabbiliti fil-PTEE u** t-tħejjija ta' liġijiet u regolament fil-qasam tal-politika tal-konsumatur u tal-protezzjoni tas-saħħa tal-konsumatur, bil-għan li jiġu evitati ostakli żejda fuq il-kummerċ.

## Emenda 54

### Proposta għal deċiżjoni

#### Artikolu 68 – punt a

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) it-tishiġ tal-kapaċitajiet tal-PTEE biex jiddefinixxu u jimplementaw il-politiki meħtieġa għall-iżvilupp tal-kummerċ

##### *Emenda*

(a) it-tishiġ tal-kapaċitajiet tal-PTEE biex jiddefinixxu u jimplementaw il-politiki meħtieġa għall-iżvilupp tal-kummerċ



tagħhom tal-prodotti u tas-servizzi;

tagħhom tal-prodotti u tas-servizzi  
*speċjalment permezz ta' teknoloġiji ġodda tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni;*

## Emenda 55

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 68 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) l-inkoraġġiment tal-isforzi tal-PTEE biex idaħħlu fis-seħħ l-oqfsa legali, regolatorji u istituzzjonali xierqa kif ukoll il-proċeduri amministrattivi meħtieġa;

*Emenda*

(b) l-inkoraġġiment tal-isforzi tal-PTEE biex idaħħlu fis-seħħ l-oqfsa legali, regolatorji u istituzzjonali xierqa kif ukoll il-proċeduri amministrattivi meħtieġa, *partikolarment biex jiffavorixxu t-titjib tal-istandards soċjali u joħlqu ambjent soċjali favorevoli għat-tkabbir;*

## Emenda 56

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 68 – punt d

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) il-faċilitazzjoni tal-iżvilupp tas-swieq u tal-prodotti, fosthom it-titjib tal-kwalità tal-prodotti;

*Emenda*

(d) il-faċilitazzjoni tal-iżvilupp *u tad-diversifikazzjoni* tas-swieq u tal-prodotti, fosthom it-titjib tal-kwalità tal-prodotti;

## Emenda 57

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 68 – punt e

*Test propost mill-Kummissjoni*

(e) jingħata kontribut għall-iżvilupp tar-riżorsi umani u tal-ħiliet professjonali rilevanti għall-kummerċ ta' prodotti u servizzi;

*Emenda*

(e) jingħata kontribut għall-iżvilupp tar-riżorsi umani u tal-ħiliet professjonali *billi jiġi offrut taħriġ xieraq* rilevanti għall-kummerċ ta' prodotti u servizzi;

## Emenda 58

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 68 – punt f

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(f) it-titjib tal-kapaċità ta' intermedjarji finanzjarji li jipprovdu lill-impriżi tal-PTEE bis-servizzi rilevanti għall-attivitajiet ta' esportazzjoni tagħhom, bħal intelligence tas-swieq;

#### *Emenda*

(f) it-titjib tal-kapaċità ta' intermedjarji finanzjarji li jipprovdu lill-impriżi tal-PTEE bis-servizzi rilevanti għall-attivitajiet ta' esportazzjoni tagħhom, bħal informazzjoni dwar is-swieq, ***permezz ta' użu aktar effikaċi ta' teknoloġiji ġodda;***

## PROCĊEDURA

<b>Taqsim</b>	Association of the overseas countries and territories with the European Union ("Overseas Association Decision")
<b>Referenzi</b>	COM(2012)0362 – C7-0285/2012 – 2012/0195(CNS)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	DEVE 13.9.2012
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	EMPL 13.9.2012
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Philippe Boulland 24.10.2012
<b>Eżami fil-kumitat</b>	6.12.2012                      14.1.2013
<b>Data tal-adozzjoni</b>	24.1.2013
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+:                      35 -:                      1 0:                      0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Edit Bauer, Heinz K. Becker, Pervenche Berès, Viliija Blinkevičiūtė, Milan Cabrnoch, Alejandro Cercas, Minodora Cliveti, Marije Cornelissen, Emer Costello, Andrea Cozzolino, Frédéric Daerden, Marian Harkin, Nadja Hirsch, Stephen Hughes, Ádám Kósa, Jean Lambert, Patrick Le Hyaric, Thomas Mann, Elisabeth Morin-Chartier, Csaba Öry, Siiri Oviir, Sylvana Rapti, Licia Ronzulli, Elisabeth Schroedter, Joanna Katarzyna Skrzydlewska, Jutta Steinruck, Traian Ungureanu, Andrea Zanoni
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Georges Bach, Malika Benarab-Attou, Sergio Gutiérrez Prieto, Richard Howitt, Paul Murphy, Ria Oomen-Ruijten, Gabriele Zimmer
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jens Nilsson

22.1.2013

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SAJD

għall-Kumitat għall-Iżvilupp

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji barranin mal-Unjoni Ewropea ("Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija")  
(COM(2012)0362 – C7-0285/2012 – 2012/0195(CNS))

Rapporteur għal opinjoni: Crescenzo Rivellini

### ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-pajjiżi u t-territorji Extra-Ewropej (PTEE) huma gżejjer li jinsabu fir-reġjuni tal-Atlantiku, l-Antartiku, l-Artiku, il-Karibew, l-Oċean Indjan u l-Oċean Paċifiku, u li jiddependu kostituzzjonalment minn erba' Stati Membri tal-UE: id-Danimarka, Franza, il-Pajjiżi l-Baxxi u r-Renju Unit.

L-UE beħsiebha tirrevedi l-prinċipji li jinspiraw il-kooperazzjoni tagħha mal-PTEE. Dan l-approċċ il-ġdid għandu jiffavorixxi l-iżvilupp sostenibbli tagħhom b'kunsiderazzjoni tal-partikolaritajiet tagħhom.

F'dak li għandu x'jaqsam mas-settur tas-sajd, l-UE għandha tappoġġa aktar is-sistemi ta' monitoraġġ, kontroll, spezzjoni u sorveljanza lokali tal-PTEE, biex tiġġieled kontra s-sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat (IUU) u l-kummerċ marbut miegħu. Hu indispensabbli wkoll li sseħħ kooperazzjoni effikaċi flimkien ma' u fi ħdan l-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd sabiex tkun promossa l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' għieda kontra s-sajd IUU li attwalment jirrappreżenta waħda mit-theddidiet l-aktar gravi għas-sostenibilità tal-istokkijiet tas-sajd.

Fil-qasam tal-ġestjoni integrata taż-żoni kostali, il-kooperazzjoni UE-PTEE għandha toħloq bilanċ bejn l-attivitajiet ekonomiċi u soċjali, bħas-sajd u l-akkwakultura, it-turiżmu, it-trasport marittimu u l-potenzjal taż-żoni kostali u tal-baħar f'termini ta' enerġija rinnovabbli u materja prima, filwaqt li jitqies l-impatt tat-tibdil fil-klima u tal-attivitajiet tal-bniedem.

Fir-rigward tal-affarijiet marittimi, il-kooperazzjoni UE-PTEE għandha tippromwovi l-għarfien dwar il-baħar u l-bijoteknoloġiji, l-enerġija mill-oċeani, is-sorveljanza marittima, il-ġestjoni taż-żoni kostali u l-ġestjoni imsejsa fuq l-ekosistemi;

Għal dak li għandu x'jaqsam mal-ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut, il-kooperazzjoni UE-PTEE għandha tkun ibbażata fuq il-ġestjoni responsabbli tas-sajd fl-ambitu tal-konservazzjoni u l-immaniġġjar sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut b'konsultazzjonijiet regolari bejn iż-żewġ partijiet dwar il-konservazzjoni u l-immaniġġjar tar-riżorsi ħajjin tal-baħar u bi skambji ta' informazzjoni dwar l-istat attwali tar-riżorsi.

L-isfida ewlenija li l-PTEE qegħdin iħabbtu wiċċhom magħha hija dik li jirnexxielhom jindirizzaw l-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħhom fit-triq tal-iżvilupp sostenibbli billi jsaħħu l-kompetittività, inaqqsu l-vulnerabbiltà, jikkooperaw mal-ġirien tagħhom filwaqt li jintegraw ruħhom fl-ekonomiji reġjonali u/jew dinjija, fejn dan ikun possibbli. Għall-UE, l-isfida għandha tkun l-appoġġ għall-PTEE biex iwettqu dawn l-għanijiet, permezz ta' qafas li jkun adegwat għall-ħtiġijiet, ir-realtajiet, il-partikolaritajiet u d-diversitajiet tal-PTEE.

## EMENDI

Il-Kumitat għas-Sajd jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

### Emenda 1

#### Abbozz ta' deċiżjoni

#### Artikolu 19 – paragrafu 2 – punt b

##### *Abbozz tal-Kunsill*

(b) djalogu u kooperazzjoni dwar il-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut fosthom miżuri fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux irregolat u kooperazzjoni effettiva mal-organizzazzjonijiet tal-immaniġġjar tal-ħut u wkoll fi ħdanhom. Id-djalogu u l-kooperazzjoni għandhom jinkludu skemi ta' kontroll u spezzjoni, inċentivi u obbligi għal immaniġġjar aktar effettiv tas-sajd u l-ambjenti kostali fit-tul.

##### *Emenda*

(b) djalogu u kooperazzjoni dwar il-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut fosthom miżuri fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux irregolat u kooperazzjoni effettiva mal-organizzazzjonijiet tal-immaniġġjar tal-ħut u wkoll fi ħdanhom. Id-djalogu u l-kooperazzjoni għandhom jinkludu skemi ta' kontroll u spezzjoni, inċentivi u obbligi għal immaniġġjar aktar effettiv tas-sajd u l-ambjenti kostali fit-tul. ***Id-djalogu u l-kooperazzjoni għandhom jiġu akkumpanjati minn żieda, min-naħa tal-Kummissjoni, fl-isforzi intiżi għall-promozzjoni ta' mmaniġġjar sostenibbli tas-sajd, bl-appoġġ tas-sistemi ta' monitoraġġ u ta' sorveljanza lokali permezz ta' ftehimiet ta' sħubija mal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej, li huma assoċjati mal-Unjoni Ewropea.***

## *Ġustifikazzjoni*

*Is-sajd IUU attwalment jikkostitwixxi waħda mit-theddidiet l-aktar gravi għas-sostenibilità tal-istokkijiet tal-ħut u tal-bijodiversità tal-oċeani tad-dinja kollha. Barra minn hekk, l-attivitajiet kummerċjali marbutin magħha jirrappreżentaw forma ta' kompetizzjoni żleali fir-rigward tas-sajjieda li joperaw b'mod legali, barra milli toħloq problemi ta' natura ekonomika għall-komunitajiet ta' sajjieda, konsumaturi u għas-settur kollu kemm hu. Għaldaqstant hemm bżonn li jissaħħaħ il-koordinament u l-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-PTEE msieħba mal-UE biex jiġġieldu b'mod effikaċi is-sajd IUU.*



## PROCĊEDURA

<b>Titolu</b>	L-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji barranin mal-Unjoni Ewropea ("Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija")	
<b>Referenzi</b>	COM(2012)0362 – C7-0285/2012 – 2012/0195(CNS)	
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	DEVE 13.9.2012	
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	PECH 13.9.2012	
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Crescenzo Rivellini 26.10.2012	
<b>Eżami fil-kumitat</b>	28.11.2012	18.12.2012
<b>Data tal-adozzjoni</b>	22.1.2013	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 21	–: 0
	0:	0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Kriton Arsenis, Alain Cadec, Chris Davies, Carmen Fraga Estévez, Pat the Cope Gallagher, Dolores García-Hierro Caraballo, Marek Józef Gróbarczyk, Iliana Malinova Iotova, Werner Kuhn, Isabella Lövin, Gabriel Mato Adrover, Guido Milana, Maria do Céu Patrão Neves, Crescenzo Rivellini, Ulrike Rodust, Raül Romeva i Rueda, Isabelle Thomas, Nils Torvalds	
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Julie Girling, Jens Nilsson, Antolín Sánchez Presedo	



## PROCĊEDURA

<b>Titolu</b>	L-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji barranin mal-Unjoni Ewropea ("Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija")			
<b>Referenzi</b>	COM(2012)0362 – C7-0285/2012 – 2012/0195(CNS)			
<b>Data meta ġie kkonsultat il-PE</b>	10.9.2012			
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	DEVE 13.9.2012			
<b>Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	EMPL 13.9.2012	ENVI 13.9.2012	ITRE 13.9.2012	IMCO 13.9.2012
	TRAN 13.9.2012	REGI 13.9.2012	PECH 13.9.2012	CULT 13.9.2012
	LIBE 13.9.2012			
<b>Opinjoni(jiet) mhux mogħtija</b> Data tad-deċiżjoni	ENVI 12.9.2012	ITRE 17.9.2012	IMCO 18.9.2012	TRAN 8.10.2012
	REGI 18.9.2012	CULT 19.9.2012	LIBE 19.9.2012	
<b>Rapporteur(s)</b> Data tal-ħatra	Patrice Tirolien 18.9.2012			
<b>Eżami fil-kumitat</b>	22.1.2013			
<b>Data tal-adozzjoni</b>	19.2.2013			
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 26 -: 0 0: 0			
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Thijs Berman, Michael Cashman, Ricardo Cortés Lastra, Véronique De Keyser, Leonidas Donskis, Charles Goerens, Mikael Gustafsson, Filip Kaczmarek, Michał Tomasz Kamiński, Miguel Angel Martínez Martínez, Gay Mitchell, Norbert Neuser, Jean Roatta, Birgit Schnieber-Jastram, Michèle Striffler, Alf Svensson, Keith Taylor, Eleni Theocharous, Patrice Tirolien, Anna Záborská			
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Philippe Boulland, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Enrique Guerrero Salom, Isabella Lövin, Gesine Meissner, Judith Sargentini			
<b>Data tat-tressiq</b>	27.2.2013			